# KAPITOLU 376

## ATT DWAR ISTITUZZJONIJIET FINANZJARJI

*Biex jirregola l-kummerċ ta' istituzzjonijiet finanzjarji.*

15 ta' Novembru, 1994

*L-ATT XXII tal-1994, kif emendat bl-Atti XXIV u XXV tal-1995, XVII tal-2002, IV tal-2003, XIII tal-2004 u XII tal-2006; bl-Avviż Legali 425 tal-2007; u bl-Att II tal-2010.*

PRELIMINARI

**1.** It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att huwa l-Att dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji. Titolu fil-qosor.

**2.** (1) F'dan l-Att, kemm il-darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra - Tifsir. *Emendat: XXIV. 1995.362; XXV. 1995.434; XVII. 2002.203; XII. 2006.67; II. 2010.8.*

"aġent" tfisser persuna li taġixxi f'isem istituzzjoni finanzjarja meta tkun qegħda tipprovdi dawk is-servizzi elenkati taħt l-Ewwel Skeda;

"l-awtorità kompetenti" tfisser il-korp imsemmi fl-artikolu 12(1);

"awtorità regolatorja barranija" tfisser awtorità li, f'xi pajjiż jew territorju barra minn Malta, tkun teżerċita xi funzjoni li tikkorrispondi għall-funzjonijiet tal-awtorità kompetenti taħt dan l-Att;

"Bank Ċentrali" tfisser il-Bank Ċentrali ta' Malta kif imfisser fl-Att dwar il-Bank Ċentrali ta' Malta; Kap. 204.

"id-Direttiva" tfisser Direttiva 2007/64/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2007 fuq servizzi ta' pagament fis-suq intern li temenda d-Direttivi 97/7/KE, 2002/65/KE, 2005/60/KE u 2006/48/KE u li tħassar id-Direttiva 97/5/KE, kif din tista' tiġi emendata minn żmien għal żmien, u tinkludi kull miżura implimentattiva li setgħet inħarġet jew li tista' tinħareġ taħtha;

"direttur" tinkludi individwu li jkun jokkupa l-pożizzjoni ta' direttur ta' kumpannija, imsejjaħ b'isem ikun li jkun, li jkollu s-setgħa li jmexxi sostanzjalment l-istess funzjonijiet relattivi għad-direzzjoni tal-kumpannija bħal dawk magħmula minn direttur u relattivament għal kumpannija reġistrata jew inkorporata barra minn Malta tinkludi membru ta' bord jew aġent jew rappreżentant lokali ta' dik il-kumpannija;

"faċilità ta' kreditu" tfisser is-self ta' somma ta' flus b'avvanz, *overdraft* jew self jew xi linja oħra ta' kreditu inkluż l-iskontar ta' kambjali u *promissory notes*, garanziji, indennizzi, aċċettazzjonijiet, kambjali mdawra b'avall u kuntratti finanzjarji;

"fergħa" tfisser post ta' kummerċ, li ma jkunx l-uffiċċju prinċipali, li jkun jifforma parti minn istituzzjoni finanzjarja li ma jkollhiex personalità ġuridika u li jkun direttament jiġġestixxi xi

transazzjonijiet jew it-transazzjonijiet kollha, kif awtorizzat, li jkollhom x'jaqsmu mal-kummerċ ta' istituzzjoni finanzjarja; il-postijiet ta' kummerċ kollha stabbiliti f'Malta minn istituzzjoni li jkollha uffiċċju prinċipali fi Stat Membru ieħor għandhom jitqiesu bħala fergħa waħdanija;

"fondi tagħha stess" għandha l-istess tifsira mogħtija lilha b'Regola dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji;

"funzjonarju", relattivament għal kumpannija, tinkludi direttur, soċju, *manager* jew segretarju ta' kumpannija jew kull persuna li tkun effettivament taġixxi f'dik il-kariga kemm jekk tkun ġiet maħtura formalment jew le;

"grupp ta' kumpanniji" tfisser kumpanniji li jkollhom l-istess *holding company*, u għandha tinkludi lill-istess *holding company*;

Kap. 386. "*holding company*" jew "*parent company*" għandha l-istess tifsir kif mogħti lill-frażi *parent company* fl-Att dwar il-Kumpanniji;

"istituzzjoni finanzjarja" tfisser kull persuna li b'mod regolari jew abitwali tikseb *holdings* jew tidħol biex twettaq xi attività elenkata fl-Ewwel Skeda akkont u għar-riskju tal-persuna li tkun qegħda twettaq dik l-attività;

"istituzzjoni ta' pagament" għandu jkollha t-tifsira mogħtija lilha fit-Tieni Skeda;

"kambjali għall-kummerċ" tfisser kambjali u *promissory notes*;

"kapital azzjonarju kwalifikanti" tfisser il-parteċipazzjoni diretta jew indiretta f'kumpannija li tirrappreżenta għaxra fil-mija jew aktar tal-kapital azzjonarju jew tal-jeddijiet tal-voti, meta jitqiesu l-jeddijiet tal-voti kif stabbiliti fl-Artikoli 9 u 10 tad-Direttiva 2004/109/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2004 fuq l-armonizzazzjoni ta' ħtiġiet ta' trasparenza dwar informazzjoni fuq min joħroġ titoli li jkunu jistgħu jitqegħdu fil-kummerċ u li jemenda d-Direttiva 2001/34/KE, kif ukoll il-kondizzjonijiet dwar l-aggregazzjoni relattiva stipulata fl-Artikolu 12(4) u (5) ta' dik id-Direttiva, jew li biha tkun ħaġa possibbli li tiġi eżerċitata influwenza sinifikanti fuq il-maniġġ tal-kumpannija li fiha jkun hemm dik il-parteċipazzjoni, u "azzjonista kwalifikanti" għandha tiftiehem bl-istess mod:

Iżda, sabiex jiġi determinat jekk il-kriterji għal kapital azzjonarju kwalifikanti jkunux ġew sodisfatti, l-awtorità kompetenti m'għandhiex tqis jeddijiet tal-voti jew azzjonijiet li jista' jkollhom ditti ta' investiment jew istituzzjonijiet ta' kreditu minħabba f'illi jkunu qegħdin jipprovdu s-sottoskrizzjoni ta' strumenti finanzjarji u, jew it-tqegħid ta' strumenti finanzjarji fuq bażi soda ta' impenn hekk kif hemm fil-punt 6 tas-Sezzjoni A tal-Anness 1 mad-Direttiva 2004/39/KE, sakemm minn banda waħda dawk id-drittijiet ma jiġux eżerċitati jew xort'oħra użati biex isir xi intervent fil-maniġġ ta' min joħroġ it-titoli u, mill-banda l-oħra, ma jsirx minnhom fi żmien sena minn meta dawn ikunu ġew akkwistati;

"kapital inizjali" tfisser kapital imħallas u riżervi kif imfisser f'Regola dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji;

"korp ġuridiku" tfisser korp ta' persuni li jkollu personalità ġuridika distinta minn dik tal-membri tiegħu;

"kontroll" dwar korp ġuridiku, hija s-setgħa li jiġu b'xi mod stabbiliti l-*policies* finanzjarji u operattivi tal-korp ġuridiku;

"kontrollur" tfisser persuna li, waħedha jew flimkien ma' oħrajn, teżerċita kontroll relattivament għal korp ġuridiku;

"kumpanija" tfisser kumpanija b'responsabbiltà limitata kostitwita f'Malta skond l-Att dwar il-Kumpanniji jew xi liġi li tista' minn żmien għal żmien tkun fis-seħħ, jekk kumpanija inkorporata barra minn Malta, kemm-il darba dik il-kumpanija, jekk mhux inkorporata f'Malta, tkun hekk tikkwalifika biex tkun inkorporata taħt il-liġijiet ta' Malta; Kap. 386.

"liċenza" relattivament għall-kummerċ ta' istituzzjoni finanzjarja, tfisser liċenza mogħtija skond dan l-Att;

"Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-finanzi;

"*money laundering*" għandha l-istess tifsira mogħtija lilha bl-Att kontra *Money Laundering*; Kap. 373.

"pajjiż terz" tfisser pajjiż li mhux Stat Membru jew Stat ŻEE;

"qorti" tfisser il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili;

"rabtiet mill-qrib" tfisser sitwazzjoni fejn żewġ persuni jew iktar ikollhom rabta f'xi wieħed minn dawn il-modi li ġejjin:

(*a*) bil-parteċipazzjoni, permezz ta' proprjetà diretta jew permezz ta' kontroll, ta' għoxrin fil-mija jew iktar tal-jeddijiet tal-voti jew tal-kapital ta' korp ġuridiku;

(*b*) bil-kontroll, permezz ta' relazzjoni bejn impriża *parent* (jew impriża ċentrali) u impriża sussidjarja kif imfisser fl-artikolu 2(2) tal-Att dwar il-Kumpanniji, jew relazzjoni simili bejn persuna naturali jew ġuridika u impriża; jew Kap. 386.

(*ċ*) permanentement ma' terza persuna waħda u unika permezz ta' relazzjoni ta' kontroll;

"Regola dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji" tfisser Regola maħruġa mill-awtorità kompetenti biex tirregola istituzzjonijiet finanzjarji bis-saħħa tas-setgħat li joriġinaw taħt dan l-Att, u "Regola" għandha tiftiehem hekk kif imfisser;;

"rikostruzzjoni" għandha l-istess tifsira mogħtija lilha bl-Att dwar Kumpanniji; Kap. 386.

"Stat Membru" tfisser Stat Membru tal-Komunitajiet Ewropej;

"Stat ŻEE" tfisser Stat li jkun parti kontraenti fil-ftehim fuq iż-Żona Ekonomika Ewropea iffirmat f'Oporto fit-2 ta' Mejju, 1992 kif emendat bil-Protokoll iffirmat fi Brussel fis-17 Marzu, 1993 u kif emendat b'attijiet sussegwenti;

"sussidjarja" għandha l-istess tifsira bħal "impriża sussidjarja" fl-Att dwar Kumpanniji; u Kap. 386.

"Tribunal għas-Servizzi Finanzjarji" jew "Tribunal" tfisser it-Tribunal għas-Servizzi Finanzjarji stabbilit taħt l-Att dwar l-Awtorità ta' Servizzi Finanzjarji ta' Malta.

Kap. 330.

(2) F'dan l-Att u fir-regolamenti kollha magħmulin taħtu, jekk ikun hemm xi konflitt bejn it-test Ingliż u dak Malti, għandu jipprevali t-test Ingliż.

ĦTIĠIET GĦALL-ĦRUĠ TA' LIĊENZI

Liċenzi għall-kummerċ ta' istituzzjonijiet finanzjarji.
*Emendat: XII. 2006.68; II. 2010.9.*

**3.** (1) Ebda kummerċ ta' istituzzjoni finanzjarja ma għandu jsir f'Malta jew minn Malta ħlief minn kumpannija li jkollha liċenza mogħtija taħt dan l-Att mill-awtorità kompetenti.

(2) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (3), persuna ma titqiesx li hija istituzzjoni finanzjarja minħabba fil-fatt li dik il-persuna jew:

(*a*) tkun tagħmel parti minn grupp ta' kumpanniji u tkun tipprovdi xi attività minn dawk elenkati fl-Ewwel Skeda lil kumpanniji li ma jkunux banek jew istituzzjonijiet finanzjarji u li jkunu jagħmlu parti mill-istess grupp ta' kumpanniji; jew

(*b*) tkun tagħmel u toħroġ kambjali fil-kors normali tan-negozju tagħha taħt arranġamenti ta' *hire purchase*, jew taħt bejgħ li jsir bi kreditu meta l-kambjali jsiru għall-prezz dovut.

(3) Fil-każ ta' dubju raġonevoli dwar jekk xi attività tkun tikkonsisti f'kummerċ ta' istituzzjoni finanzjarja, jew jekk kummerċ ta' istituzzjoni finanzjarja jkun jew ma jkunx qed isir f'Malta jew minn Malta minn xi persuna, il-kwistjoni għandha tiġi konklużivament deċiża mill-awtorità kompetenti.

(4) L-għoti ta' liċenza għandu jkun suġġett għal dritt annwali li l-awtorità kompetenti tista' tistabbilixxi minn żmien għal żmien.

(5) Ma tistax istituzzjoni finanzjarja li jkollha liċenza tirċievi depożiti jew fondi oħra li dwarhom jista' jerġa' jsir pagament fil-kuntest tal-Att dwar il-Kummerċ Bankarju.

Kap. 371.

(6) Meta persuna diġà jkollha liċenza taħt l-Att dwar il-Kummerċ Bankarju jew l-Att dwar Servizzi ta' Investiment sabiex tiġġestixxi xi attività minn dawk elenkati fl-Ewwel Skeda, dik il-persuna ma tkunx teħtieġ liċenza għal attività bħal dik taħt dan l-Att.

Kap. 371.
Kap. 370.

Applikazzjoni għal liċenza.
*Emendat: XVII. 2002.204; II. 2010.8, 10.*

**4.** (1) Kull kumpannija li tixtieq tibda kummerċ ta' istituzzjoni finanzjarja f'Malta għandha, qabel ma tibda xi kummerċ bħal dak, tapplika bil-miktub lill-awtorità kompetenti għal-liċenza skond dan l-Att.

(2) L-applikazzjonijiet kollha għal liċenza għandhom ikunu f'dik l-għamla u għandu jkollhom magħhom dik l-informazzjoni u jkunu konformi ma' dawk il-kondizzjonijiet li tista' tiġi preskritta minn żmien għal żmien minn Regola dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji u applikazzjoni tista' tiġi irtirata biss b'avviż bil-miktub li jingħata lill-awtorità kompetenti fi żmien qabel l-għoti

jew iċ-ċaħda irtirata tal-liċenza.

(3) L-awtorità kompetenti għandu jkollha s-setgħa li tordna lil kull persuna biex tipprovdi dik l-informazzjoni li hija tqis meħtieġa sabiex tiġi deċiża applikazzjoni għal liċenza.

Hruġ ta' liċenza. *Emendat: XVII. 2002.205; A.L. 425 tal-2007; II. 2010.8, 11.*

**5.** (1) Ebda kumpannija ma għandha tingħata liċenza kemm-il darba -

(*a*) il-kapital inizjali tagħha kemm jekk f'euro jew fi flus oħra aċċettabbli għall-awtorità kompetenti, ma jkunux jammontaw għall-valur ta' dak l-ammont stabbilit mill-awtorità kompetenti f'Regola u hekk kif jista' jkun adattat skond l-attivitajiet li obbliga ruħu li jagħmel l-applikant;

(*b*) ma jkunx hemm mill-inqas żewġ individwi li jkunu effettivament se jmexxu l-kummerċ ta' l-istituzzjoni finanzjarja f'Malta;

(*ċ*) l-azzjonisti kwalifikattivi, kontrolluri u l-persuni kollha li jkunu effettivament se jmexxu l-kummerċ ta' l-istituzzjoni finanzjarja ma jkunux persuni adatti biex jassiguraw il-*management* prudenti tagħha;

(*d*) l-awtorità kompetenti ma tkunx sodisfatta li l-istituzzjoni finanzjarja jkollha tmexxija soda u prudenti, u jkollha arranġamenti ta' tmexxija qawwija, li jinkludu struttura ċara organizzattiva b'linji ta' responsabbiltà definiti sew, trasparenti u konsistenti, proċeduri effettivi li jidentifikaw, jimmaniġġaw, jissorveljaw u jirrappurtaw ir-riskji li tkun esposta jew li tista' tkun esposta għalihom, u mekkaniżmi ta' kontroll intern adegwati, inklużi proċeduri amministrattivi u ta' kontijiet sodi:

Iżda dawk l-arranġamenti, proċeduri u mekkaniżmi għandhom ikunu jinkludu u jkunu fi proporzjon max-xorta, skala u komplessità tas-servizzi provduti mill-istituzzjoni;

(*e*) l-awtorità kompetenti ma tkunx sodisfatta li, meta jkun hemm rabtiet mill-qrib bejn dik il-kumpannija u persuna jew persuni oħra, dawk ir-rabtiet ma jtellfuhix bil-mezz ta' xi liġi, regolament, disposizzjoni amministrattiva jew b'xi mod ieħor, milli teżerċita sorveljanza effettiva ta' dik il-kumpannija taħt id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' xi Regola dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji:

Iżda l-kumpannija għandha, wara li tkun ingħatat liċenza taħt dan l-Att, minnufih tgħarraf lill-awtorità kompetenti b'kull bidla fiċ-ċirkostanzi li jirrigwardaw l-applikazzjoni u għandha iktar minn hekk tenħtieġ tipprovdi lill-awtorità kompetenti kull informazzjoni meħtieġa sabiex tkun tista' tissorvelja jekk ikunx hemm konformità kontinwa mal-koundizzjonijiet imsemmija f'dan il-paragrafu.

(2) L-awtorità kompetenti għandha tiddeċiedi kull

applikazzjoni għal liċenza fi żmien tliet xhur minn meta tkun irċeviet l-applikazzjoni jew, jekk l-applikazzjoni ma tkunx taqbel ma' l-artikolu 4(2) jew tkun meħtieġa aktar informazzjoni, fi żmien tliet xhur mit-tħaris ta' l-imsemmi subartikolu jew il-provvediment ta' l-informazzjoni, skond il-każ, liema jkun ta' l-aħħar. F'kull każ l-applikazzjoni għandha tiġi deċiża fi żmien sitt xhur minn meta tiġi riċevuta.

(3) L-awtorità kompetenti tista' tagħti jew tiċħad li tagħti liċenza li dwarha tkun saret applikazzjoni skond dan l-Att u meta tirrifjuta applikazzjoni għandha tinforma lill-applikant bil-miktub bir-raġunijiet għar-rifjut.

(4) (*a*) Meta l-awtorità kompetenti tkun qegħda toħroġ liċenza hija tista' tassoġġetta istituzzjoni finanzjarja għal dawk il-kondizzjonijiet li tista' tqis li jkunu adatti u wara li tkun ħarġet il-liċenza hija tista', minn żmien għal żmien, tvarja jew tirrevoka kull kondizzjoni li tkun hekk imponiet jew timponi kondizzjonijiet ġodda.

(*b*) Sabiex tkun tista' twettaq aħjar id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att u sabiex tkun tista' tittrasponi aħjar id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva, l-awtorità kompetenti tista', minn żmien għal żmien, toħroġ u tippubblika Regoli li jkunu jorbtu lil detenturi ta' liċenza u oħrajn hekk kif jista' jiġi speċifikat fihom. Dawk ir-Regoli jistgħu jistipulaw ħtiġiet u kondizzjonijiet addizzjonali dwar l-attivitajiet ta' detenturi ta' liċenza, kif imexxu l-kummerċ tagħhom, ir-relazzjonijiet tagħhom mal-klijenti, mal-pubbliku u ma' partijiet oħra, ir-responsabbiltajiet tagħhom lejn l-awtorità kompetenti, ħtiġiet ta' rappurtaġġ u kull ħaġa oħra li l-awtorità kompetenti tista' tqis li tkun adatta.

(5) Meta l-awtorità kompetenti tonqos għal kwalunkwe raġuni li tiddeċiedi applikazzjoni għal liċenza fiż-żmien preskritt taħt is-subartikolu (2), dan il-fatt għandu jitqies li jikkostitwixxi rifjut li tagħti liċenza.

(6) Meta istituzzjoni finanzjarja li jkollha liċenza tipproponi li teżerċita attivitajiet kummerċjali li m'huma elenkati f'ebda waħda mill-Iskedi, l-awtorità kompetenti tista' teħtieġ li titwaqqaf entità separata, meta l-attivitajiet proposti jistgħu fil-fehma tal-awtorità kompetenti jaffettwaw ħażin jew jheddu li jaffettwaw ħażin sew l-istat finanzjarju sod tal-istituzzjoni jew il-kapaċità tal-awtorità kompetenti li tissorvelja il-konformità ta' istituzzjoni finanzjarja ma' l-obbligi kollha stipulati f'dan l-Att jew f'xi regolamenti u Regoli maħruġin taħtu.

(7) Meta l-applikant tkun istituzzjoni finanzjarja li jkollha liċenza jew awtorizzazzjoni ekwivalenti f'xi pajjiż ieħor, huwa għandu jkollu l-uffiċċju prinċipali tiegħu fl-istess pajjiż fejn ikun reġistrat u, jew ikollu l-liċenza.

Fondi tagħha stess.
*Miżjud: II. 2010.12.*

**5A.** (1) Mingħajr preġudizzju għall-inqas livell tal-ħtiġiet kapitali stipulati f'Regola dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji, il-fondi ta' istituzzjoni finanzjarja stess ma jistgħux jaqgħu taħt l-ammont

ta' kapital inizjali jew kull tali ammont li jista' minn żmien għal żmien ikun meħtieġ mill-awtorità kompetenti, kemm-il darba tnaqqis bħal dak ma jkunx ta' xorta temporanja u jsir wara li tkun inkisbet l-approvazzjoni bil-quddiem tal-awtorità kompetenti.

(2) Minkejja l-ħtiġiet ta' kapital inizjali li jistgħu jiġu stipulati f'Regola dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji, istituzzjonijiet finanzjarji li jkunu qegħdin jipprovdu xi servizzi minn dawk elenkati fit-Tieni Skeda għandhom f'kull waqt ikollhom il-fondi tagħhom stess li jiġu kalkulati hekk kif indikat f'xi wieħed mit-tliet metodi stipulati fir-Regola msemmija.

(3) Meta l-ammont ta' fondi ta' istituzzjoni finanzjarja stess jinżel taħt l-ammont stabbilit taħt is-subartikoli (1) u (2), l-awtorità kompetenti għandha teħtieġ lil dik l-istituzzjoni finanzjarja tieħu l-miżuri meħtieġa sabiex iġġib il-livell ta' fondi tagħha stess għal li kien qabel f'dak iż-żmien li l-awtorità kompetenti tista' tistabbilixxi:

Iżda jekk il-livell ta' fondi ta' istituzzjoni finanzjarja stess ma jinġiebx għal li kien qabel fiż-żmien stabbilit, l-awtorità kompetenti tista', b'żjieda mas-setgħa li timponi piena amministrattiva, teżerċita xi waħda mis-setgħat mogħtijin lilha taħt id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 6(4).

Restrizzjoni u tħassir ta' liċenza.
*Emendat: XVII. 2002.206; II. 2010.13.*

**6.** (1) L-awtorità għndha tirtira liċenza maħruġa lil xi istituzzjoni finanzjarja meta dik l-istituzzjoni:

(*a*) espressament tirrinunzja għal-liċenza;

(*b*) ma tibdiex il-kummerċ li għandu jsir bis-saħħa ta' dik il-liċenza fi żmien tnax-il xahar minn meta tinħareġ, jew tkun waqfet mill-kummerċ tagħha għal aktar minn sitt xhur jew f'dak il-perjodu ieħor ta' żmien li jista' jkun speċifikat fil-liċenza;

(*ċ*) jekk xi dokument jew informazzjoni li jkunu mal-applikazzjoni għal liċenza jew xi informazzjoni li tingħata f'konnessjoni magħha jkunu foloz f'xi dettall sostanzjali jew jekk id-detentur tal-liċenza jaħbi, jew jonqos milli javża lill-awtorità kompetenti xi dokument jew informazzjoni jew xi bidla fihom li kien fid-dmir tiegħu li juri jew li javża taħt dan l-Att;

(*d*) ma tibqax tonora l-kondizzjonijiet meħtieġa għall-ħruġ tal-liċenza;

(*e*) tiġi dikjarata falluta jew tibda likwidazzjoni jew tagħmel ftehim mal-kredituri jew tiġi xort'oħra xolta;

(*f*) tkun waqfet topera bħala riżultat ta' amalgamazzjoni ma' xi istituzzjoni finanzjarja oħra;

(*g*) tkun fergħa ta' istituzzjoni inkorporata barra minn Malta u l-awtorità regolatorja barranija fil-pajjiż tal-inkorporazzjoni tirtira l-awtorizzazzjoni lil dik l-istituzzjoni; jew

(*h*) tkun ta' theddida għall-istabbilità tas-sistema ta' pagament meta hija tkompli bis-servizzi ta' pagament

tagħha fil-kuntest tat-tifsira tat-Tieni Skeda.

(2) Meta l-awtorità kompetenti tirtira liċenza, hija għandha tgħarraf lill-istituzzjoni finanzjarja bir-raġunijiet għall-irtirar ta' liċenza u l-avviż ta' dak l-irtirar għandu jkun wieħed pubbliku.

(3) L-awtorità kompetenti tista' timponi restrizzjonijiet jew tirrevoka liċenza għal xi waħda minn dawn iċ-ċirkostanzi li ġejjin:

(*a*) jekk id-detentur ma jkunx għadu jippossjedi fondi tiegħu stess biżżejjed;

(*b*) jekk id-detentur x'aktarx ma jkunx jista' jonora l-obbligi tiegħu;

(*ċ*) jekk id-detentur ma jkollux attiv biżżejjed biex ikopri l-passiv tiegħu; jew

(*d*) jekk l-awtorità kompetenti tkun tal-fehma li, minħabba fil-mod kif l-istituzzjoni finanzjarja tkun qegħda tmexxi jew tkun bi ħsiebha tmexxi l-affarijiet tagħha, jew għal xi raġuni oħra, dawn ikunu jheddu l-istabbilità tas-sistema finanzjarja.

(4) Ir-restrizzjonijiet imposti mill-awtorità kompetenti bis-saħħa tas-subartikolu (3) għandhom ikunu dawk ir-restrizzjonijiet li l-awtorità kompetenti jkun jidhrilha li jkunu adatti sabiex l-istituzzjoni finanzjarja tħares kif imiss id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' regolamenti u Regoli maħruġin taħt dan l-Att u l-kondizzjonijiet, jekk ikun hemm, tal-liċenza tagħha u għall-protezzjoni tal-integrità tas-sistema finanzjarja tal-pajjiż u jistgħu jinkludu -

(*a*) it-tneħħija ta' xi funzjonarju tal-istituzzjoni finanzjarja jew it-tqegħid ta' persuna oħra minflok xi funzjonarju hekk kif l-awtorità kompetenti tista' tagħżel;

(*b*) il-ħtieġa li kull persuna li direttament jew indirettament tkun tippossjedi kapital azzjonarju kwalifikanti fl-istituzzjoni finanzjarja tirrinunzja għal dak il-*holding* kollu jew parti minnu;

(*ċ*) il-ħtieġa li l-istituzzjoni finanzjarja tieħu jew iżżomm lura milli tieħu xi azzjoni;

(*d*) il-ħtieġa li l-istituzzjoni finanzjarja tkun projbita milli timpenja ruħha f'xi transazzjoni jew transazzjonijiet jew f'xi attività minn dawk elenkati fl-Ewwel Skeda jew li titħalla timpenja ruħha f'xi transazzjoni jew transazzjonijiet jew f'xi attività minn dawk elenkati fl-Ewwel Skeda fuq dawk il-pattijiet biss li l-awtorità kompetenti tista' tordna.

(5) L-awtorità kompetenti għandu jkollha s-setgħa li tvarja jew tneħħi kwalunkwe restrizzjonijiet imposti taħt dan l-artikolu.

(6) Liċenza mogħtija lil fergħa ta' istituzzjoni finanzjarja inkorporata barra minn Malta tista' titħassar biss wara konsultazzjoni mal-awtorità regolatorja barranija tal-pajjiż ta' inkorporazzjoni, kemm-il darba l-awtorità kompetenti ma tiddeċidix li l-kwistjoni tkun urġenti jew li jkun hemm ċirkostanzi

fejn ikun improprju li ssir dik il-konsultazzjoni minn qabel.

(7) Mar-restrizzjoni jew tħassir ta' liċenza ta' istituzzjoni finanzjarja inkorporata f'Malta, l-awtorità kompetenti għandha tavża lill-awtoritajiet regolatorji barranin tal-pajjiż li fih l-istituzzjoni finanzjarja jew is-sussidjarji tagħha jkunu qegħdin jagħmlu xi attività taħt l-Ewwel Skeda jew kull attività oħra li l-awtorità kompetenti jista' jidhrilha li tkun komplimentari għall-attivitajiet ta' dik l-istituzzjoni f'Malta.

(8) Meta l-awtorità kompetenti tkun sodisfatta li ċ-ċirkostanzi hekk jeħtieġu, din tista' f'kull żmien tippubblika kull azzjoni li tkun ħadet taħt dan l-artikolu.

Avviż ta' proposta ta' tibdil, restrizzjoni jew tħassir ta' liċenza. *Emendat: XVII. 2002.207.*

**7.** (1) Meta l-awtorità kompetenti jkollha l-ħsieb:

(*a*) li tibdel xi kundizzjoni li għaliha tkun suġġetta liċenza jew li timponi kundizzjoni magħha; jew

(*b*) li tirrestrinġi jew tħassar liċenza jew tibdel xi restrizzjoni li għaliha tkun suġġetta liċenza,

hija għandha tinnotifika b'avviż bil-miktub il-ħsieb tagħha lill-istituzzjoni finanzjarja u għandha tispeċifika r-raġunijiet li minħabba fihom l-awtorità kompetenti bi ħsiebha li tieħu azzjoni.

(2) Kull avviż mogħti taħt subartikolu (1) għandu jispeċifika perijodu li fih l-istituzzjoni finanzjarja tkun intitolata li tagħmel rappreżentazzjonijiet lill-awtorità kompetenti għaliex dik l-azzjoni ma għandhiex tittieħed.

(3) Kemm-il darba l-awtorità kompetenti ma' tiddeċidix li l-kwistjoni tkun urġenti, hija ma għandhiex timponi jew tvarja xi restrizzjoni jew kundizzjoni jew tħassar liċenza qabel ma' jkun għadda dak il-perijodu kif stipulat fis-subartikolu (2).

Tibdil fl-informazzjoni. *Miżjud: XVII. 2002.208.*

**7A.** Istituzzjoni finanzjarja liċenzjata taħt dan l-Att għandha tipprovdi lill-awtorità kompetenti b'dawk il-partikolaritajiet ta' kull tibdil fl-informazzjoni provduta taħt dan l-Att malli l-istituzzjoni finanzjarja ssir taf b'dak it-tibdil.

## OBBLIGI TA' DETENTURI TA' LIĊENZA U OĦRAJN

Ftuħ ta' fergħat u l-eżerċizzju ta' Drittijiet Ewropej. *Sostitwit: II. 2010.14.*

**8.** (1) Istituzzjoni finanzjarja għandha tavża lill-awtorità kompetenti bil-miktub qabel ma tiftaħ fergħa ġdida f'Malta.

(2) Istituzzjoni finanzjarja inkorporata f'Malta li tkun trid tiftaħ fergħa, aġenzija jew uffiċċju barra minn Malta u istituzzjoni finanzjarja inkorporata f'Malta li tkun trid tiftaħ jew takkwista xi sussidjarja fi jew barra minn Malta, għandu jkollha l-approvazzjoni bil-miktub tal-awtorità kompetenti li tingħatalha bil-quddiem.

(3) Is-subartikolu (2) m'għandux ikun japplika għal xi istituzzjoni finanzjarja li jkollha liċenza, li tkun:

(*a*) tipprovdi xi waħda mill-attivitajiet elenkati fl-Ewwel Skeda, minbarra fil-paragrafu 4 tagħha,

(*b*) twettaq il-kondizzjonijiet tar-regolament 13 tar-Regolamenti dwar id-Drittijiet Ewropej, u

(*ċ*) trid tipprovdi servizzi fi Stat Membru jew fi Stat ŻEE, fl-eżerċizzju ta’ dritt Ewropew; u li għaldaqstant tkun soġġetta għar-Regolamenti dwar id-Drittijiet Ewropej.

(4) Is-subartikolu (2) m’għandux ikun japplika għal xi istituzzjoni finanzjarja li jkollha liċenza u li tkun qegħda twettaq servizzi ta’ pagament, li tkun trid tipprovdi servizzi għall-ewwel darba fi Stat Membru jew fi Stat ŻEE, b’eżerċizzju ta’ dritt Ewropew.

(5) L-istituzzjonijiet finanzjarji li jkollhom liċenza u li jinsabu msemmija fis-subartikolu (4) għandhom jgħarrfu lill-awtorità kompetenti bl-intenzzjoni tagħhom li jeżerċitaw Dritt Ewropew u l-awtorità kompetenti għandha fi żmien xahar minn meta tirċievi din l-informazzjoni, tgħarraf lill-awtorità regolatorja barranija involuta:

(*a*) bl-isem u l-indirizz tal-istituzzjoni finanzjarja;

(*b*) bl-ismijiet ta’ kull min ikun responsabbli għat-tmexxija tal-fergħa;

(*ċ*) bl-istruttura organizzattiva li jkollha; u

(*d*) bix-xorta ta’ servizzi li tkun bi ħsiebha tipprovdi fit-territorju tal-Istat Membru jew tal-Istat ŻEE.

(6) F’dan l-artikolu:

(*a*) "Dritt Ewropew" tirreferi għad-drittijiet deskritti fir-Regolamenti dwar id-Drittijiet Ewropej; u

L.S. 371.11

(*b*) "Regolamenti dwar id-Drittijiet Ewropej" tfisser ir-Regolamenti dwar id-Drittijiet tal-Passaport Ewropew għal Istituzzjonijiet ta’ Kreditu.

Arranġamenti ta’ aġenzija.
*Miżjud: XVII. 2002.209.*
*Sostitwit: II. 2010.15.*

**8A.** (1) Ebda istituzzjoni finanzjarja m’għandha tagħmel xi arranġamenti ta’ aġenzija ma’ terzi kemm-il darba ma tkunx tat din l-informazzjoni li ġejja lill-awtorità kompetenti:

(*a*) l-isem u l-indirizz tal-aġent;

Kap. 373.
L.S. 373.01

(*b*) deskrizzjoni tal-mekkaniżmi ta’ kontroll intern li jkunu ser jintużaw mill-aġenti sabiex jitħarsu l-obbligi dwar il-*money laundering* u finanzjar ta’ terroriżmu taħt l-Att kontra *Money Laundering*, u r-Regolamenti kontra *Money Laundering* u Finanzjar ta’ Terroriżmu; u

(*ċ*) l-identità tad-diretturi u persuni responsabbli għat-tmexxija tal-aġent li tkun ser tintuża sabiex jiġu provduti s-servizzi, u prova li dawn ikunu persuni adatti:

Iżda persuna li tinħatar aġent ta’ istituzzjoni finanzjarja għandha taġixxi biss bħala aġent:

(i) g?ħr-rigward ta’ dawk l-attivitajiet li l-istituzzjoni finanzjarja li jkun ser jagħmilha ta’ aġent tagħha, jkollha liċenza dwarhom taħt dan l-Att;

(ii) għal mhux iżjed minn persuna waħda li jkollha liċenza taħt dan l-Att; u

(iii) wara l-verifika mill-awtorità kompetenti tal-informazzjoni provduta mill-istituzzjoni finanzjarja.

(2) L-awtorità kompetenti tista’ tassoġġetta lill-persuna li tinħatar bħala aġent għal kull obbligu impost fuq il-kumpannija li jkollha liċenza taħt dan l-Att.

(3) L-awtorità kompetenti tista’ telenka lill-aġent fir-reġistru pubbliku hekk kif hemm provdut fl-artikolu 8D u jekk din tirrifjuta milli telenka lil dak l-aġent, hija għandha tgħarraf lill-istituzzjoni finanzjarja bil-miktub bir-raġunijiet għar-rifjut tagħha:

Iżda jekk l-awtorità kompetenti ma tkunx sodisfatta li l-informazzjoni li tiġi provduta lilha tkun korretta, hija għandha tirrifjuta li telenka lill-aġent fir-reġistru pubbliku hekk kif hemm provdut fl-artikolu 8D.

*Outsourcing* ta’ funzjonijiet operattivi.
*Miżjud: II. 2010.16.*

**8B.** (1) Meta istituzzjoni finanzjarja tkun bi ħsiebha tagħmel *outsourcing* ta’ funzjonijiet operattivi tas-servizzi tagħha u, jew attivitajiet, dak il-provditur tal-*outsourcing* għandu jkun rikonoxxut mill-awtorità kompetenti:

Iżda l-*outsourcing* ta’ funzjonijiet operattivi importanti jista’ ma jsirx b’tali mod li jkun materjalment jaffettwa l-kwalità tal-kontroll intern u l-kapaċità li l-awtorità kompetenti għandha li tissorvelja l-konformità tal-istituzzjoni finanzjarja mal-obbligi kollha li hemm provdut dwarhom taħt dan l-Att, u r-regolamenti kollha jew Regoli magħmulin taħtu.

(2) Għall-fini ta’ dan l-Att jew ta’ regolamenti jew Regoli maħruġin taħtu, funzjoni operattiva għandha titqies bħala waħda importanti jekk xi difett jew nuqqas fit-twettiq tagħha jkun materjalment jaffettwa l-konformità kontinwa ta’ istituzzjoni finanzjarja mal-ħtiġiet tal-liċenza jew tal-obbligi tagħha taħt dan l-Att jew taħt regolamenti jew Regoli maħruġin taħtu, jew it-twettiq finanzjarju tagħha, jew is-sodizza jew il-kontinwità tas-servizzi tagħha:

Iżda l-awtorità kompetenti għandha tiżgura li, meta istituzzjonijiet finanzjarji jagħmlu *outsourcing* ta’ funzjonijiet operattivi importanti, l-istituzzjonijiet finanzjarji għandhom jikkonformaw ruħhom ma’ dawn il-kondizzjonijiet li ġejjin:

(*a*) l-*outsourcing* m’għandux jirriżulta f’illi d-direzzjoni ewlenija tiddelega r-responsabbiltajiet tagħha;

(*b*) m’għandhomx jinbidlu r-relazzjoni u l-obbligi tal-istituzzjoni finanzjarja lejn kull min juża s-servizzi tagħha taħt dan l-Att, regolamenti jew Regoli maħruġin taħt dan l-Att;

(*ċ*) sabiex jibqgħu kif inhuma, m’għandhomx jiġu sorpassati l-kondizzjonijiet li bihom l-istituzzjoni finanzjarja għandha tikkonforma ruħha sabiex tinħarġilha liċenza hekk kif provdut f’dan l-Att, regolamenti jew Regoli maħruġin taħt dan l-Att; u

(*d*) m'għandha titneħħa jew tinbidel ebda waħda mill-kondizzjonijiet l-oħra li l-liċenza għal istituzzjoni finanzjarja tkun inħarġet soġġetta għalihom.

(3) L-awtorità kompetenti tista' toħroġ Regola, li tkun tistipula l-ħtiġiet għar-rikonoxximent tal-provdituri ta' servizzi ta' *outsourcing* u l-għoti ta' dawk is-servizzi ta' *outsourcing*.

(4) Meta l-istituzzjoni finanzjarja li jkollha liċenza jew awtorizzazzjoni ekwivalenti fi Stat Membru ieħor jew fi Stat ŻEE u li tkun tibbenefika mid-dritt ta' stabbiliment u mil-libertà li tipprovdi servizzi, twettaq l-attivitajiet elenkati fl-Iskedi f'Malta permezz ta' fergħa jew billi tqabbad aġent, skond il-każ, l-istituzzjoni finanzjarja għandha ssegwi l-proċeduri stipulati fir-Regola:

Iżda jekk l-awtorità kompetenti jkollha tassew għaliex tissuspetta li, permezz ta' dik il-fergħa jew aġent, ikun qed isir jew sar jew ġie ittentat li jsir xi *money laundering* jew finanzjar ta' terroriżmu, fil-kuntest tad-Direttiva tal-Kunsill 2005/60/KE, jew li l-ingaġġ ta' dik il-fergħa jew ta' dak l-aġent jistgħu jżidu r-riskju ta' *money laundering* jew finanzjar ta' terroriżmu, hija għandha tgħarraf lill-Istat Membru domestiku, li jista' jirrifjuta milli jirreġistra lil dik il-fergħa jew lil dak l-aġent, jew li jista' jirtira r-reġistrazzjoni, jekk din tkun diġà saret, tal-fergħa jew tal-aġent.

Responsabbiltà.
*Miżjud:*
*II. 2010.16.*

**8Ċ.** (1) Meta istituzzjonijiet finanzjarji jkunu jiddependu fuq terzi għat-twettiq ta' funzjonijiet operattivi, dawk l-istituzzjonijiet finanzjarji għandhom jieħdu passi raġonevoli biex jiżguraw li jitħarsu l-ħtiġiet ta' dan l-Att.

(2) L-istituzzjonijiet finanzjarji għandhom jibqgħu għalkollox responsabbli għal kull att li jsir mill-impjegati tagħhom, jew minn xi aġent, fergħa jew entità li setgħu lilhom ġew *outsourced* xi attivitajiet.

Reġistrazzjoni.
*Miżjud:*
*II. 2010.16.*

**8D.** (1) L-awtorità kompetenti jkollha d-dmir iżżomm reġistru pubbliku li jkun jelenka kull istituzzjoni finanzjarja li jkollha liċenza jew istituzzjonijiet finanzjarji li jkollhom awtorizzazzjoni ekwivalenti f'xi pajjiż ieħor, u l-fergħat u l-aġenti tagħhom, fejn għandhom jiġu identifikati s-servizzi li dwarhom ikollha liċenza l-istituzzjoni finanzjarja. Dawk ir-reġistrazzjonijiet għandhom jinżammu għal dak il-perjodu ta' żmien li jista' jiġi stipulat fir-Regola.

(2) Dak ir-reġistru għandu jkun disponibbli pubblikament għal konsultazzjoni, ikun aċċessibbli *online* u jkun aġġornat fuq bażi regolari.

Avviż ta' parteċipazzjoni jew kontroll ġdid jew mibdul.
*Emendat:*
*XVII. 2002.210;*
*XII. 2006.69;*
*II. 2010.17.*

**9.** (1) Jekk -

(*a*) xi persuna tieħu jew tagħmel il-ħsieb li tieħu xi azzjoni biex tikseb jew tiddisponi, direttament jew indirettament, minn kapital azzjonarju kwalifikanti f'istituzzjoni finanzjarja jew iżżid jew tnaqqas, direttament jew indirettament, dak il-kapital azzjonarju kwalifikanti biex is-sehem tad-drittijiet tal-votazzjoni jew tal-kapital azzjonarju kontrollat minnha

f'dik l-istituzzjoni finanzjarja jkun jilħaq, jaqbeż jew jonqos taħt 20 fil-mija, 30 fil-mija jew 50 fil-mija jew biex dik l-istituzzjoni finanzjarja ssir jew ma tibqax is-sussidjarja ta' dik il-persuna; jew

(*b*) xi istituzzjoni finanzjarja tieħu jew tagħmel il-ħsieb li tieħu xi azzjoni biex tbiegħ jew tiddisponi mill-kummerċ tagħha jew xi parti sinifikanti tiegħu, tingħaqad ma' xi kumpannija oħra, tagħmel xi rikostruzzjoni jew iżżid il-kapital azzjonarju nominali jew maħruġ jew tagħmel xi bidla sostanzjali fil-jeddijiet tal-votazzjoni,

mingħajr ma jiksbu minn qabel l-approvazzjoni tal-awtorità kompetenti jew, alternattivament, jekk wara li jkunu kisbu dik l-apporvazzjoni jkun sussegwentement jidher lill-awtorità kompetenti li xi waħda minn dawn l-azzjonijiet tkun qed taħdem, jew x'aktarx tkun se taħdem, għad-detriment ta' l-amministrazzjon prudenti u tajba ta' l-istituzzjoni finanzjarja, allura, mingħajr preġudizzju għal xi piena oħra li tista' tiġi imposta taħt dan l-Att jew taħt xi regolamenti jew Regoli maħruġin taħtu, l-awtorità kompetenti jkollha s-setgħa li tagħmel ordni:

(i) li jżomm lill-persuna jew istituzzjoni finanzjarja milli tieħu jew tkompli tieħu l-azzjoni;

(ii) li tiddikjara l-azzjoni nulla u bla effett;

(iii) li tordna lill-persuna jew istituzzjoni finanzjarja biex tieħu dawk il-miżuri li jkunu meħtieġa biex il-qagħda tinġieb lura għall-qagħda li kienet teżisti minnufih qabel ma ttieħdet l-azzjoni;

(iv) li żżomm lill-persuna jew istituzzjoni finanzjarja milli teżerċita xi drittijiet li dik l-azzjoni, kieku kienet leġittima, kienet tagħtiha, inkluż id-dritt li tirċievi xi pagament jew li teżerċita xi drittijiet ta' vot li jiġu mill-azzjonijiet akkwistati;

(v) li żżomm lill-persuna jew istituzzjoni finanzjarja milli tieħu xi azzjoni simili jew xi azzjoni oħra fil-kategoriji murija fil-paragrafi (*a*) u (*b*).

(2) Jekk, bħala riżultat ta' l-akkwist ta' azzjonijiet f'istituzzjoni finanzjarja, l-istituzzjoni finanzjarja li fiha l-persuna tipproponi li takkwista l-kapital azzjonarju ssir sussidjarja jew tkun suġġetta għall-kontroll tal-persuna li takkwista dawk l-azzjonijiet, l-awtorità kompetenti jkollha d-diskrezzjoni li tikkunsidra jekk talba magħmula minn dik il-persuna għall-approvazzjoni tal-awtorità kompetenti taħt id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu tikkostitwix talba biex tapplika għal liċenza biex tmexxi l-kummerċ ta' istituzzjoni finanzjarja taħt id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' regolamenti u Regoli maħruġin taħt dan l-Att.

(3) Is-subartikolu (1) għandu japplika kemm jekk l-azzjonijiet rilevanti jkunu jew ma jkunux elenkati f'suq regolat skond l-Att dwar is-Swieq Finanzjarji, jew f'suq ekwivalenti f'pajjiż terz. Kap. 345.

(4) Meta persuna tagħmel il-ħsieb li tieħu xi azzjoni kif stipulat fis-subartikolu (1)(*a*) u (*b*), hija għandha qabel ma tieħu din l-

azzjoni tavża lill-awtorità kompetenti bil-miktub. L-awtorità kompetenti għandha fi żmien xahrejn li tirċievi din in-notifika tagħti jew ma tagħtix l-approvazzjoni tagħha, u jekk dak iż-żmien igħaddi mingħajr ma' l-awtorità kompetenti tkun tat id-deċiżjoni tagħha, dak il-fatt għandu jitqies bħala rifjut.

(5) (*a*) Istituzzjoni finanzjarja għandha tinforma lill-awtorità kompetenti bil-miktub bil-partikolaritajiet kollha ta' kull persuna li tkun proposta li ssir kontrollur jew direttur ta' l-istituzzjoni finanzjarja jew kull persuna oħra li tkun proposta biex ma tibqax kontrollur jew direttur ta' l-istituzzjoni finanzjarja.

(*b*) Jekk l-awtorità kompetenti tkun tal-fehma li xi persuna li tkun jew li hi proposta li tkun kontrollur jew direttur ta' istituzzjoni finanzjarja ma tkunx persuna adatta biex tkun kontrollur jew direttur, l-awtorità kompetenti tista' tagħmel ordni li jeħtieġ li dik il-persuna tieqaf milli tkun kontrollur jew direttur, jew li jżomm lil dik il-persuna milli ssir kontrollur jew direttur.

Operazzjonijiet projbiti.
*Emendat:*
*XVII. 2002.211;*
*A.L. 425 tal-2007;*
*II. 2010.18.*

**10.** (1) Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 3(*e*) tat-Tieni Skeda, istituzzjoni finanzjarja m'għandhiex -

(*a*) tagħti xi faċilità ta' kreditu kontra s-sigurtà ta' l-azzjonijiet tagħha stess jew kontra xi sigurtajiet oħra maħruġa mill-istituzzjoni finanzjarja nnifisha jew kontra xi azzjonijiet jew xi sigurtajiet oħra ta' korp ġuridiku ieħor li fih l-istituzzjoni finanzjarja jkollha kontroll;

(*b*) tagħti jew tippermetti li jibqgħu pendenti, faċilitajiet ta' kreditu jew testendi servizzi oħra taħt pattijiet u kondizzjonijiet iktar favorevoli milli kieku l-istituzzjoni finanzjarja kienet xort'oħra tapplika -

(i) lil xi wieħed mid-diretturi tagħha jew lill-konjuġi tagħhom kemm flimkien jew individwalment, jew ma' terzi persuni:

Iżda, f'kull każ fejn jingħataw faċilitajiet ta' kreditu li ma jkunux assigurati, dawn ma għandhomx fit-total jaqbzu s-somma ta' tlieta u għoxrin elf u mitejn u tlieta u disgħin euro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (23,293.73);

(ii) lil xi persuna li fiha l-istituzzjoni finanzjarja jew xi wieħed jew iżjed mid-diretturi tagħha jkun interessat bħala direttur, soċju, *manager*, aġent jew membru jew lil xi persuna li tagħha xi wieħed mid-diretturi jew iżjed ta' l-istituzzjoni finanzjarja jkun garanti;

(iii) lil xi korp ta' persuni li fih l-istituzzjoni finanzjarja jew xi wieħed jew iżjed mid-diretturi tagħha jkollhom flimkien jew individwalment kontroll li ma jkunx huwa stess istituzzjoni finanzjarja jew l-impriża ċentrali ta' l-

istituzzjoni finanzjarja, jew sussidjarja ta' l-istituzzjoni finanzjarja;

u meta l-awtorità kompetenti jkollha raġuni temmen li jkunu ġew applikati dawk il-pattijiet u l-kondizzjonijiet favorevoli, ikollha s-setgħa li teħtieġ lill-istituzzjoni finanzjarja li tirrettifika l-pożizzjoni u jekk l-istitutzzjoni finanzjarja tonqos li tieħu l-azzjoni meħtieġa biex tirrettifika l-pożizzjoni kif ordnata, l-awtorità kompetenti għandha tieħu dawk il-miżuri li jidhrilha meħtieġa sakemm il-pożizzjoni tkun rettifikata;

(*ċ*) tagħti jew tippermetti li jibqgħu pendenti relattivament għal xi wieħed mill-funzjonarji, ħlief direttur, jew xi impjegat, faċilitajiet ta' kreditu mhux assigurati li fit-total jeċċedu s-salarju ta' tnax-il xahar ta' dak il-funzjonarju jew impjegat.

(2) Fis-subartikolu (1)(*b*) u (*ċ*) l-espressjoni "faċilitajiet ta' kreditu mhux assigurati" tfisser faċilitajiet ta' kreditu magħmula mingħajr sigurtà jew, relattivament għal xi faċilità ta' kreditu magħmula b'sigurtà, kull parti minnha li f'xi żmien teċċedi l-valur fis-suq ta' l-attiv li jikkostitwixxi dik is-sigurtà, jew meta l-awtorità kompetenti tkun sodisfatta li ma hemm ebda valur stabbilit fis-suq, fuq il-bażi ta' valutazzjoni approvata mill-awtorità kompetenti nnifisha.

Istituzzjonijiet finanzjarji li ma jkunux jistgħu jonoraw l-obbligi.

**11.** Minkejja kull investigazzjoni provduta f'dan l-Att,

(*a*) meta istituzzjoni finanzjarja tqis li x'aktarx ma tkunx tista' tonora l-obbligi tagħha, hija għandha minnufih tinforma lill-awtorità kompetenti u l-Bank Ċentrali bil-miktub;

(*b*) meta l-awtorità kompetenti ssir taf illi istituzzjoni finanzjarja x'aktarx ma tkunx tista' tonora l-obbligi tagħha, hija għandha tinforma minnufih lill-Bank Ċentrali bil-miktub;

(*ċ*) meta l-Bank Ċentrali jsir jaf illi istituzzjoni finanzjarja x'aktarx ma tkunx tista' tonora l-obbligi tagħha, huwa għandu jinforma minnufih lill-awtorità kompetenti bil-miktub.

SETGĦAT REGOLATORJI U INVESTIGATTIVI

Setgħat u dmirijiet tal-Ministru. *Emendat: XVII. 2002.212; II. 2010.19.*

**12.** (1) Il-Ministru għandu b'ordni fil-Gazzetta jinnomina korp biex ikun l-awtorità kompetenti għall-finijiet ta' dan l-Att sabiex jesegwixxi l-funzjonijiet ta' l-awtorità kompetenti taħt dan l-Att. Dan il-korp għandu jiġi nominat għal dak il-perijodu li l-Ministru jista' jistabbilixxi u l-Ministru għandu jkollu s-setgħa f'kull żmien li jtawwal, iġedded jew itemm dik in-nomina b'ordni fil-Gazzetta.

(2) Il-Ministru, bil-parir tal-awtorità kompetenti, jista' jagħmel regolamenti li jkunu jagħtu seħħ lid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, u mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità ta' dak hawn qabel

imsemmi jista', b'dawk ir-regolamenti, partikolarment, jagħmel kull ħaġa minn dan li ġej:

(*a*) jemenda kull Skeda li tinsab ma' dan l-Att;

(*b*) jittrasponi, jimplimenta u jagħti seħħ lill-ħtiġiet tad-Direttiva.

(3) Meta jkunu nħarġu regolamenti kif hawn f'dan l-artikolu, l-awtorità kompetenti tista' toħroġ Regoli fil-kuntest tat-tifsira ta' dan l-Att għat-twettiq tajjeb u l-aħjar implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tar-regolamenti.

Lingwa tar-regolamenti.
*Miżjud: XIII. 2004.93.*
*Enumerat mill-ġdid: II. 2010.21.*

**12A.** Regolamenti magħmula taħt dan l-Att u kull emenda jew revoka ta' dawk ir-regolamenti, jistgħu jsiru bil-lingwa Ingliża biss.

Setgħat u dmirijiet ta' l-awtorità kompetenti.
*Emendat: II. 2010.8, 22.*

**13.** (1) Ikun id-dmir tal-awtorità kompetenti li tesegwixxi l-funzjonijiet mogħtija lilha b'dan l-Att u li tassikura li l-istituzzjonijiet finanzjarji li jagħmlu kummerċ f'Malta jħarsu dan l-Att, regolamenti, direttivi u Regoli maħruġa taħt dan l-Att u l-kondizzjonijiet tal-liċenzi tagħhom. Fit-twettiq ta' dawk il-funzjonijiet, l-awtorità kompetenti għandha tiżgura li l-kontrolli li jiġu eżerċitati sabiex tiġi verifikata konformità kontinwa taħt dan l-Att, jew taħt regolamenti u Regoli maħruġa taħtu, ikunu proporzjonati, adegwati u responsivi għar-riskji li l-istituzzjonijiet finanzjarji jkunu esposti għalihom.

Dawk il-funzjonijiet ikunu fost l-oħrajn jikkonsistu f'dan li ġej:

(*a*) li jeħtieġu lill-istituzzjoni finanzjarja biex taħt l-artikolu 14 tipprovdi kull informazzjoni meħtieġa sabiex tkun tista' tiġi sorveljata l-konformità;

(*b*) li jsiru spezzjonijiet fil-fond tal-istituzzjoni finanzjarja, ta' kull aġent jew fergħa li jkunu jipprovdu attivitajiet magħmulin taħt il-liċenza u taħt ir-responsabbiltà tal-istituzzjoni finanzjarja, jew ta' xi entità li l-attivitajiet jiġu *outsourced* lilha;

(*ċ*) li jissospendu jew jiritraw l-awtorizzazzjoni fil-każijiet imsemmija fl-artikolu 6; u

(*d*) minkejja l-ħtiġiet tal-artikoli 5 u 5A, li jieħdu l-passi kollha meħtieġa sabiex jiġi żgurat kapital biżżejjed għall-attivitajiet imwettqa minn istituzzjoni finanzjarja, partikolarment meta l-attivitajiet ta' istituzzjoni finanzjarja li ma jkunux dawk elenkati fl-Iskeda jkunu jaffettwaw jew x'aktarx jaffettwaw is-sodizza finanzjarja tal-istituzzjoni.

(2) L-awtorità kompetenti tista' tagħmel dawk ir-Regoli dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji li jistgħu jkunu meħtieġa biex tagħti effett lil kull waħda mid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att. L-awtorità kompetenti tista' temenda jew tirrevoka dawk ir-Regoli dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji.

(3) Ir-Regoli dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji u kull emenda jew revoka tagħhom għandhom jiġu komunikati uffiċjalment lill-istituzzjonijiet finanzjarji kollha u l-awtorità kompetenti għandha tagħmel kopji tagħhom disponibbli għall-pubbliku meta tintalab tagħmel dan.

(4) Regoli dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji magħmula taħt dan l-Att jistgħu jipprovdu għall-ħtiġijiet regolatorji differenti li għandhom japplikaw għal klassijiet differenti ta' istituzzjonijiet finanzjarji, li jkollhom liċenza bis-saħħa ta' dan l-Att, sabiex jiġi assigurat li l-kummerċ huwa immexxi b'mod prudenti.

Setgħa ta' l-awtorità kompetenti li titlob tagħrif.
*Emendat: XVII. 2002.213; II. 2010.8, 23.*

**14.** (1) Kull istituzzjoni finanzjarja għandha tissottometti lill-awtorità kompetenti dik l-informazzjoni u reżokontijiet li l-awtorità kompetenti tista' teħtieġ fil-qadi ta' dmirijietha taħt dan l-Att jew taħt regolamenti u Regoli maħruġa taħtu jew kull liġi oħra.

(2) Ir-reżokontijiet kollha meħtieġa taħt is-subartikolu (1) għandhom jiġu sottomessi f'dik il-forma u f'dawk il-perijodi li jistgħu jiġu preskritti minn żmien għal żmien mill-awtorità kompetenti b'Regoli dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji.

(3) Istituzzjonijiet finanzjarji li jipprovdu s-servizzi elenkati taħt it-Tieni Skeda għandhom jipprovdu informazzjoni dwar il-kontijiet separata dwar is-servizzi ta' pagament elenkati fil-punt 2 u punt 3 ta' dik l-Iskeda, bla ħsara għal rapport tal-awditur.

(4) Id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandhom japplikaw ukoll għall-fergħat, aġenziji jew uffiċċji kollha f'Malta ta' istituzzjoni finanzjarja li ma tkunx inkorporata f'Malta.

(5) Istituzzjoni finanzjarja għandha tissottometti lill-Bank Ċentrali dik l-informazzjoni li l-Bank Ċentrali jista' jeħtieġ fil-qadi ta' dmirijietu u l-Bank Ċentrali jista' jinvestiga u jitlob kjarifiki dwar kull informazzjoni hekk mogħtija.

(6) L-awtorità kompetenti tista', b'avviż bil-miktub, teħtieġ istituzzjoni finanzjarja jew kull funzjonarju tagħha li jagħmlu dan li ġej jew xi waħda minnhom:

(*a*) li tagħti lill-awtorità kompetenti f'dak iż-żmien u post u f'dik l-għamla li tista' tispeċifika, dak it-tagħrif u dokumentazzjoni li tista' teħtieġ u ta' dik id-deskrizzjoni li tista' tiġi hekk speċifikata fl-avviż;

(*b*) li tagħti lill-awtorità kompetenti kull tagħrif jew dokumentazzjoni kif imsemmija verifikati b'dak il-mod li jista' jkun speċifikat;

(*ċ*) li tidher quddiem l-awtorità kompetenti, jew quddiem persuna maħtura minnha, f'dak iż-żmien u post li tista' tispeċifika, biex twieġeb mistoqsijiet u tagħti tagħrif u dokumentazzjoni dwar dak li l-awtorità kompetenti raġonevolment tkun teħieġ biex taqdi l-funzjonijiet tagħha taħt dan l-Att jew taħt regolamenti u Regoli maħruġa taħtu.

(7) L-awtorità kompetenti tista' tagħmel kopji ta' kull dokument mogħti jew provdut taħt dan l-artikolu.

(8) Meta l-persuna meħtieġa li tagħti tagħrif jew dokumentazzjoni taħt dan l-artikolu ma jkollhiex it-tagħrif jew id-dokumentazzjoni rilevanti, din għandha tgħid lill-awtorità kompetenti fejn, skond l-aħjar tagħrif li jkollha, dak it-tagħrif jew dik id-dokumentazzjoni tkun, u l-awtorità kompetenti tista' teħtieġ lil kull persuna, sew jekk indikata kif imsemmi qabel sew jekk le, li fil-fehma tagħha jkollha fil-pussess tagħha dak it-tagħrif jew dik id-dokumentazzjoni, biex tagħtihielha.

(9) Dikjarazzjoni magħmula u dokumentazzjoni provduta skond xi waħda mill-ħtiġijiet taħt dan l-artikolu jistgħu jinġiebu bħala prova kontra l-persuna li tagħmel id-dikjarazzjoni jew li tipprovdi d-dokumentazzjoni kif ukoll kontra kull persuna li għaliha jirreferu.

(10) Meta l-awtorità kompetenti tkun ħatret persuna taħt is-subartikolu (6)(*ċ*), dik il-persuna jkollha, sabiex taqdi l-funzjonijiet tagħha skond il-ħatra tagħha, dawk is-setgħat kollha mogħtija lill-awtorità kompetenti b'dan l-artikolu u jekk dik il-persuna teħtieġ xi ħaġa dik il-ħtieġa titqies li tkun saret u li jkollha l-istess saħħa u effett bħal ħtieġa ta' l-awtorità kompetenti.

(11) L-awtorità kompetenti tista' teħtieġ persuna maħtura taħt is-subartikolu (6)(*ċ*) sabiex tissottometti rapport f'dak il-mod li tispeċifika.

(12) L-awtorità kompetenti tista' wkoll teżerċita s-setgħat mogħtija bis-subartikoli (1) u (6) relattivament għal xi persuna li tkun jew li f'xi żmien relevanti kienet -

(*a*) *holding company*, kumpannija sussidjarja jew kumpannija li hija persuna konnessa ma' dik l-istituzzjoni finanzjarja;

(*b*) sussidjarja jew kumpannija li hija persuna konnessa ta' *holding company* ta' dik l-istituzzjoni finanzjarja;

(*ċ*) *holding company* ta' sussidjarja ta' dik l-istituzzjoni finanzjarja;

(*d*) kontrollur ta' dik l-istituzzjoni finanzjarja;

(*e*) persuna li għandha kapital azzjonarju kwalifikanti ta' dik l-istituzzjoni finanzjarja; jew

(*f*) aġent maħtur taħt l-artikolu 8A.

(13) L-awtorità kompetenti tista' wkoll teżerċita s-setgħat tagħha taħt dan l-artikolu meta u fejn għandha raġunijiet validi li tissuspetta li persuna tista' tkun ħatja ta' reat taħt dan l-Att jew taħt regolamenti u Regoli maħruġa taħtu.

Hatra ta' spetturi.
*Emendat: XVII. 2002.214.*

**15.** (1) L-awtorità kompetenti tista', kull meta jidhrilha meħtieġ jew xieraq, taħtar spettur jew spetturi biex jistħarrġu u jirraportaw dwar l-affarijiet ta' istituzzjoni finanzjarja.

(2) Spettur maħtur taħt is-subartikolu (1) -

(*a*) jista' wkoll, jekk jidhirlu meħtieġ jew xieraq għall-finijiet ta' dak l-istħarriġ, jistħarreġ l-affarijiet ta' kull persuna oħra kif provdut taħt l-artikolu 14(12);

(*b*) ikollu u jkun jista' jeżerċita s-setgħat kollha mogħtija lill-awtorità kompetenti bl-artikolu 14, u kull ħaġa li jeħtieġ titqies li tkun u jkollha l-istess saħħa u effett bħal ħtieġa ta' l-awtorità kompetenti;

(*ċ*) jista', u jekk hekk ordnat mill-awtorità kompetenti għandu, jagħmel rapporti *interim* u fuq il-konklużjoni ta' l-istħarriġ tiegħu jagħmel rapport finali lill-awtorità kompetenti.

(3) L-awtorità kompetenti jkollha s-setgħa tordna li l-ispejjeż kollha ta' investigazzjoni, u li għandhom x'jaqsmu magħha, li ssir bis-saħħa ta' dan l-artikolu għandhom jitħallsu mill-persuni jew mill-istituzzjonijiet finanzjari involuti.

Setgħa ta' dħul.

**16.** (1) Kull funzjonarju, impjegat jew aġent ta' l-awtorità kompetenti, li juri jekk mitlub, evidenza ta' l-awtorità tiegħu, jista' jidħol f'post okkupat minn persuna li lilha jkun notifikat avviż taħt l-artikolu 14 jew li l-affarijiet tagħha jkunu qed jiġu mistħarrġa taħt l-artikolu 15, sabiex minn hemm jikseb it-tagħrif jew id-dokumenti meħtieġa b'dak l-avviż, jew xort'oħra għall-finijiet ta' l-istħarriġ, u sabiex jeżerċita dawk is-setgħat mogħtija bl-imsemmija artikoli.

(2) Meta persuna li tkun funzjonarju, impjegat jew aġent ta' l-awtorità kompetenti jkollha raġuni biżżejjed li taħseb li jekk dak l-avviż kif imsemmi fis-subartikolu (1) kellu jkun notifikat ma jkunx se jitħares jew li xi dokumenti li għalih jista' jirreferi jitneħħew, ikunu mbagħbsa jew distrutti, l-imsemmija persuna, tista', wara li turi l-evidenza tagħha, jekk mitluba, tidħol f'kull post imsemmi fis-subartikolu (1) sabiex minn hemm tikseb kull tagħrif jew dokumenti speċifikati fl-awtorità, liema tagħrif jew dokumenti setgħu kienu meħtieġa bis-saħħa ta' dak l-avviż li hemm imsemmi fis-subartikolu (1).

(3) Għall-finijiet ta' kull azzjoni li tittieħed taħt id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu, l-awtorità kompetenti tista' titlob l-għajnuna tal-Kummissarju tal-Pulizija, li jista' għal dan l-għan jeżerċita dawk is-setgħat li huma vestiti fih sabiex iħares milli jsiru reati u sabiex jinforza l-liġi u l-ordni:

Iżda jekk xi fond imsemmi f'dan l-artikolu jkun okkupat bħala residenza, dak id-dħul għandu jsir biss fil-preżenza ta' uffiċjal tal-Pulizija ta' grad ta' mhux anqas minn spettur u ma jistax isir bejn id-disgħa ta' fil-għaxija u l-ħamsa ta' filgħodu.

Setgħa ta' l-awtorità kompetenti li tieħu kontroll ta' istituzzjonijiet finanzjarji.
*Emendat: XVII. 2002.215; II. 2010.24.*

**17.** (1) Jekk, kemm minn xi rapport magħmul taħt l-artikolu 14 jew l-artikolu 15 jew xort'oħra, ikun jidher lill-awtorità kompetenti illi tkun tapplika xi waħda miċ-ċirkostanzi murija fl-artikolu 6(3), l-awtorità kompetenti, wara konsultazzjoni mal-Bank Ċentrali, tista', bla ħsara għas-setgħat li timponi restrizzjonijiet jew tirrevoka liċenza taħt id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 6(3) -

(*a*) teħtieġ lill-istituzzjoni finanzjarja biex minnufih tieħu dawk il-passi li l-awtorità kompetenti tqis meħtieġa biex tirrimedja jew tirretifika l-materja;

(*b*) taħtar persuna kompetenti biex tagħti parir lill-istituzzjoni finanzjarja dwar it-tmexxija xierqa tal-

kummerċ tagħha;

(*ċ*) taħtar persuna kompetenti biex tieħu f'idejha l-attiv ta' l-istituzzjoni finanzjarja jew xi parti minnu sabiex jiġu mħarsa l-interessi ta' l-integrità tas-sistema finanzjarja f'Malta;

(*d*) taħtar persuna kompetenti biex tieħu għalkollox f'idejha l-kontroll tal-kummerċ tal-istituzzjoni finanzjarja u jew li tkompli tmexxi dak il-kummerċ jew li tagħmel dik il-funzjoni jew funzjonijiet oħra dwar dak il-kummerċ jew parti minnu, kif tordna l-awtorità kompetenti;

(*e*) teħtieġ lill-istituzzjoni finanzjarja biex tillikwida l-kummerċ tagħha jew biex tillikwida l-kummerċ tagħha f'Malta;

(*f*) tistabbilixxi r-rimunerazzjoni li għandha titħallas mill-istituzzjoni finanzjarja lil kull persuna kompetenti maħtura taħt dan is-subartikolu.

(2) Meta jirċievi rapport jew jirċievi tagħrif b'xi mod ieħor kif imsemmi fis-subartikolu (1), l-awtorità kompetenti għandha tinforma lill-Bank Ċentrali dwar jekk tkunx ser tieħu azzjoni fuq dak ir-rapport u dwar kull azzjoni li tkun bi ħsiebha tieħu fuqu.

UDITURI

Hatra u dmirijiet ta' l-udituri.
*Emendat: XXV.1995.434; XVII. 2002.216.*

**18.** (1) (*a*) Kull istituzzjoni finanzjarja għandha tinnomina kull sena uditur jew udituri approvati li d-dmir tagħhom ikun biex jirraportaw dwar ir-reżokontijiet finanzjarji ta' l-istituzzjoni finanzjarja eżaminati minnhom u dwar ir-reżokontijiet finanzjarji kollha preparati mill-istituzzjoni finanzjarja.

Kap. 386.

(*b*) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu uditur approvat għandu jkun persuna li tkun kwalifikata biex tkun uditur skond l-Att dwar Kumpanniji:

Iżda li fil-każ ta' istituzzjoni finanzjarja mhux inkorporata f'Malta l-awtorità kompetenti tista' tagħti eżenzjoni mill-paragrafu (*b*) sakemm dik l-eżenzjoni ma tnaqqasx sostanzjalment l-iskopijiet prinċipali ta' dan l-artikolu.

(2) Jekk istituzzjoni finanzjarja tonqos milli tinnomina uditur skond is-subartikolu (1) jew, f'xi żmien tonqos milli timla xi vakanza fil-kariga ta' uditur, l-awtorità kompetenti jkollha s-setgħa li tinnomina uditur għal dik l-istituzzjoni finanzjarja u għandha tistabbilixxi l-kumpens li għandu jitħallas minn dik l-istituzzjoni finanzjarja lil dak l-uditur.

(3) Istituzzjoni finanzjarja għandha minnufih tavża bil-miktub lill-awtorità kompetenti -

(*a*) malli tinnomina l-udituri tagħha;

(*b*) jekk tkun bi ħsiebha tavża lill-azzjonisti tagħha biex -

(i) tirrimpjazza l-udituri tagħha malli jagħlaq iż-żmien tal-kariga tagħhom;

(ii) tneħħi l-udituri tagħha qabel jagħlaq iż-żmien tal-kariga tagħhom;

(*ċ*) jekk l-udituri jieqfu milli jkunu udituri ta' l-istituzzjoni finanzjarja għal xi raġuni li ma tkunx waħda mir-raġunijiet li jinsabu fil-paragrafu (*b*).

(4) L-awtorità kompetenti tista' teħtieġ lil istituzzjoni finanzjarja tibdel l-udituri nominati tagħha meta, fil-fehma ta' l-awtorità kompetenti, dawk l-udituri jitqiesu li ma jkunux adatti għal dik il-kariga, f'kull żmien matul iż-żmien tal-kariga tagħhom.

(5) Uditur għandu javża minnufih lill-awtorità kompetenti jekk -

(*a*) huwa jirreżenja;

(*b*) ma jkunx bi ħsiebu li jieħu dik il-kariga mill-ġdid; jew

(*ċ*) jiddeċiedi li jikkwalifika r-rapport ta' verifika.

(6) Jekk fil-kariga tiegħu bħala uditur ta' istituzzjoni finanzjarja jew bħala riżultat ta' talba diretta ta' l-awtorità kompetenti skond l-artikolu 14 jew skond l-artikolu 15, uditur isir jaf b'xi materja li jkollha x'taqsam ma' u li jista' jkollha effett avvers serju fuq l-istat u s-saħħa ta' l-istituzzjonijiet finanzjarja jew il-fergħa jew l-uffiċċju f'Malta ta' istituzzjoni finanzjarja mhux inkorporata f'Malta jew l-integrità tas-sistema finanzjarja f'Malta, huwa għandu minnufih igħarraf lill-awtorità kompetenti permezz tal-*management* ta' l-istituzzjoni finanzjarja jew, jekk iċ-ċirkostanzi jkunu hekk jiġġustifikaw, direttament lill-awtorità kompetenti.

(7) Sa fejn id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu huma inkonsistenti mad-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar il-Kumpanniji, id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandhom jipprevalu u d-disposizzjonijiet ta' l-imsemmi Att ma għandhomx, sa fejn ikunu inkonsistenti, japplikaw għal istituzzjonijiet finanzjarji. Kap. 386.

Komunikazzjoni mill-udituri, eċċ., ma' l-awtorità kompetenti. *Emendat: II. 2010.25.*

**19.** Ebda dmir (magħdud id-dmir ta' segretezza professjonali) li bih -

(*a*) uditur ta' istituzzjoni finanzjarja jista' jkun marbut ma għandu jitqies bħala li jkun ġie miksur għar-raġuni li huwa jkun wassal *in bona fede* lill-awtorità kompetenti, sew jekk għax mitlub minnha jew le, xi tagħrif jew fehma fuq xi ħaġa li l-uditur sar jaf biha minħabba fix-xogħol tiegħu ta' uditur ta' dik l-istituzzjoni u li tkun relevanti għall-funzjonijiet ta' l-awtorità kompetenti bis-saħħa tad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att jew li tenħtieġ li tiġi komunikata bis-saħħa ta' dan l-Att jew ta' regolamenti u Regoli maħruġa taħtu;

(*b*) persuna maħtura biex tagħmel rapport taħt l-artikolu 14 jew l-artikolu 15 tista' tkun suġġetta, ma għandu jitqies li jkun ġie miksur minħabba li dik il-persuna tkun b'*bona fede* ikkomunikat lill-awtorità kompetenti dwar materja relatata mal-kummerċ jew affarijiet ta' l-istituzzjoni finanzjarja li dwarha jkun sar ir-rapport.

KOPERAZZJONI U SKAMBJU TA' INFORMAZZJONI

Koperazzjoni u skambju ta' informazzjoni.
*Emendat:*
*XVII. 2002.217;*
*IV. 2003.186;*
*II. 2010.26.*

**20.** (1) Fuq il-bażi ta' ftehim internazzjonali, jew fuq ftehim ta' reċiproċità, l-awtorità kompetenti tista' taqsam id-dmirijiet ta' sorveljanza tagħha ma' awtoritajiet regolatorji oħra barranin fil-każ ta' istituzzjoni finanzjarja jew fergħa li topera f'Malta li hi kollha kemm hi jew f'parti minnha l-proprjetà ta' persuna barranija jew fil-każ ta' istituzzjoni finanzjarja li tkun għal kollox jew f'parti minnha l-proprjetà ta' residenti Maltin li tkun qed topera barra minn Malta.

(2) L-awtorità kompetenti għandha, iktar minn hekk, tiskambja informazzjoni ma' dawn li ġejjin:

(*a*) awtoritajiet regolatorji barranin responsabbli għall-ħruġ ta' liċenzi u superviżjoni ta' istituzzjonijiet finanzjarji li jkunu qegħdin iwettqu servizzi ta' pagament unikament għall-finijiet superviżorji u regolatorji tagħhom jew għal dawk ir-raġunijiet l-oħra li jistgħu jkunu speċifikament miftiehma mal-awtorità kompetenti;

(*b*) il-Bank Ċentrali Ewropew, il-banek ċentrali ta' Stati Membri oħra u l-Bank Ċentrali, fil-kapaċità tagħhom ta' awtoritajiet monetarji u ta' sorveljanza, u, meta jkun adatt, awtoritajiet pubbliċi oħra responsabbli għall-monitoraġġ ta' sistemi ta' pagament u għas-saldu ta' kontijiet;

(*ċ*) awtoritajiet rilevanti oħra msemmija taħt id-Direttiva 2007/64/KE, id-Direttiva 95/46/KE, id-Direttiva 2005/60/KE u leġislazzjoni Komunitarja oħra li tapplika għall-pagament ta' provdituri ta' servizzi, inklużi miżuri li jirregolaw il-protezzjoni ta' individwi dwar il-proċessar ta' informazzjoni personali u kontra *money laundering* u l-iffinanzjar ta' terroriżmu.

(3) L-awtorità kompetenti tista' wkoll, fuq il-bażi ta' kull ftehim internazzjonali, jew ta' kull ftehim ta' reċiproċità, tikxef informazzjoni lil awtoritajiet regolatorji barranin, partikolarment, fil-każ ta' xi kontravvenzjoni jew kontravvenzjoni suspettata minn xi aġent, fergħa, jew entità li lilha jiġu *outsourced* l-attivitajiet:

Iżda l-awtorità kompetenti għandha, fuq talba li ssirilha, tikkomunika kull informazzjoni rilevanti u, b'inizjattiva relattiva, kull informazzjoni li tintalab minnha.

(4) L-awtorità kompetenti għandha tavża lill-awtorità regolatorja barranija rilevanti kull meta tkun bi ħsiebha twettaq xi spezzjoni fuq il-post f'xi Stat Membru ieħor:

Iżda l-awtorità kompetenti tista' bi ftehim tiddelega lill-awtorità regolatorja barranija rilevanti, il-kompitu li twettaq l-ispezzjonijiet fuq il-post tal-istituzzjoni involuta.

(5) L-awtorità kompetenti għandha wkoll, fuq talba bil-miktub, tikxef lill-Bank Ċentrali Ewropew u, jew lill-Bank Ċentrali kull informazzjoni fil-pussess ta' l-awtorità kompetenti jew aċċessibbli għaliha, li tkun meħtieġa fil-qadi tad-dmirijiet tal-Bank Ċentrali

Ewropew u, jew tal-Bank Ċentrali taħt il-liġi.

(6) Persuna maħtura skond l-artikolu 14 jew l-artikolu 15 għandu jingħatalha aċċess għal kull kont, rendikont jew informazzjoni oħra dwar kull istituzzjoni finanzjarja li jkunu fil-pussess tal-awtorità kompetenti.

(7) Għandu jkun hemm laqgħat li jsiru bejn istituzzjoni finanzjarja, l-udituri maħtura tagħha u l-awtorità kompetenti fuq bażi trilaterali jew bilaterali skond kif ikunu jiġġustifikaw iċ-ċirkostanzi. Dawn il-laqgħat jistgħu jiġu msejjħa minn kwalunkwe waħda mill-partijiet ikkonċernati iżda għandhom dejjem ikunu preseduti mill-awtorità kompetenti.

(8) L-awtorità kompetenti u l-Bank Ċentrali għandhom minn żmien għal żmien jiddiskutu materji ta' interess reċiproku li jkunu jirrigwardaw istituzzjonijiet finanzjarji, u għandhom f'kull żmien jagħtu lil xulxin dik il-koperazzjoni li tista' tkun meħtieġa għall-qadi tad-dmirijiet rispettivi tagħhom.

APPELLI, RIMEDJI, SKWALIFIKA U KONFIDENZJALITÀ

Appelli.
*Sostitwit: XVII. 2002.218; XII. 2006.70.*

**21.** Kull persuna li tħossha aggravata b'deċiżjoni ta' l-awtorità kompetenti :

(*a*) taħt l-artikolu 3(3);

(*b*) li tirrifjuta applikazzjoni għal liċenza;

(*ċ*) li timponi xi kondizzjoni tal-liċenza;

(*d*) li timponi jew tvarja xi restrizzjoni;

(*e*) li tirrevoka liċenza;

(*f*) li tagħmel xi ordni taħt l-artikolu 9;

(*g*) li tagħmel dikjarazzjoni pubblika, taħt id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 25A, dwar imġieba ħażina ta' persuna;

(*h*) li timponi penali amministrattiva taħt id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 23; jew

(*i*) bin-nuqqas ta' l-awtorità kompetenti li tiddeċiedi applikazzjoni għal liċenza taħt l-artikolu 5(5),

tista' tappella kontra d-deċiżjoni lit-Tribunal f'dak iż-żmien u taħt dawk il-kondizzjonijiet kif stabbiliti taħt l-Att dwar l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta. Kap. 330.

Reati.
*Emendat: XVII. 2002.219; A.L. 425 tal-2007; II. 2010.8, 27.*

**22.** (1) Kull persuna li -

(*a*) tikser jew tonqos li tħares xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att;

(*b*) tikser jew tonqos li tħares id-disposizzjonijiet ta' xi Regola dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji, regolament jew kundizzjoni tal-liċenza;

(*ċ*) tonqos li tosserva xi ordni jew ħtieġa leġittima ta' l-awtorità kompetenti jew tal-Bank Ċentrali;

(*d*) tonqos li tosserva xi ordni jew ħtieġa leġittima tat-

Tribunal għal Servizzi Finanzjarji;

(*e*) tonqos li tosserva xi ordni jew ħtieġa leġittima ta' xi persuna oħra magħmula skond dan l-Att;

(*f*) mingħajr skuża raġonevoli tibdel, tissopprimi, taħbi, tiddistruġġi jew tirrifjuta li tipproduċi xi dokument li b'liġi tkun meħtieġa li tipproduċi llil xi persuna taħt dan l-Att jew taħt regolamenti u Regoli maħruġa taħtu,

tkun ħatja ta' reat.

(2) Kull persuna li għall-finijiet ta', jew konformement mad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' regolamenti jew Regoli magħmulin taħtu, jew ta' xi kondizzjoni, obbligu, ħtieġa, direttiva jew ordni magħmula jew mogħtija kif hawn qabel imsemmi, tipprovdi informazzjoni jew tagħmel dikjarazzjoni li tkun taf li mhix eżatta, li tkun falza jew qarrieqa f'xi aspett materjali tagħha, jew bi traskuraġni tipprovdi informazzjoni jew tagħmel dikjarazzjoni li tkun taf li mhix eżatta, li tkun falza jew qarrieqa f'xi aspett materjali tagħha, tkun ħatja ta' reat.

(3) Kull persuna li xjentement tkun parti fl-għemil, jew li tipprokura jew tgħin, jew tħajjar l-għemil ta' xi reat taħt is-subartikolu (1) tkun ħatja ta' reat u tkun suġġetta għall-istess pieni bħall-ħati prinċipali.

(4) Persuna li tkun ħatja ta' reat taħt id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu tista', meta tinsab ħatja, teħel multa ta' mhux iżjed minn erba' mija u ħamsa u sittin elf u tmien mija erbgħa u sebgħin euro u tmienja u sittin ċenteżmu (€465,874.68) jew priġunerija għal żmien mhux iżjed minn erba' snin, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

(5) Ebda proċedimenti kriminali għal reat kontra dan l-Att ma għandhom jinbdew minghajr il-kunsens ta' l-Avukat Ġenerali.

(6) Id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att ma għandhomx itellfu xi proċedimenti kriminali li jistgħu jittieħdu taħt xi liġi oħra.

Penalitajiet amministrattivi.
*Sostitwit: XVII. 2002.220.*
*Emendat: II. 2010.28.*

**23.** (1) Meta l-awtorità kompetenti tkun sodisfatta li l-imġieba ta' persuna tkun tammonta għal ksur ta' xi dispożizzjoni ta' dan l-Att jew ta' regolamenti u Regoli maħruġa taħtu, l-awtorità kompetenti tista' permezz ta' avviż bil-miktub u mingħajr il-ħtieġa ta' ebda smigħ fil-qorti timponi fuq persuna hekk kif ikun il-każ, piena amministrattiva li ma tistax tkun ta' iżjed minn tlieta u disgħin elf u mija erbgħa u sebgħin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€93,174.94).

(2) Meta l-awtorità kompetenti tiddeċiedi li timponi penali amministrattiva fuq persuna minflok proċedimenti kriminali, ebda proċedimenti dwar l-istess reat ma jistgħu jinġiebu kontra l-istess persuna quddiem qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali u l-awtorità kompetenti għandha tinnotifika dik id-deċiżjoni b'avviż bil-miktub lill-persuna li fuqha l-penali amministrattiva tkun hekk imposta.

(3) Jekk fi żmien tletin jum min-notifika ta' l-avviż imsemmi fis-subartikolu (1) il-persuna li lilha jkun ġie notifikat l-avviż ma tkunx ħallset il-penali amministrattiva jew ma tkunx appellat kontra d-deċiżjoni ta' l-awtorità kompetenti quddiem it-Tribunal kif provdut fl-artikolu 21, jew meta fi żmien ħmistax-il jum mid-deċiżjoni tat-Tribunal dik il-persuna ma tkunx ħallset il-penali amministrattiva kif konfermata jew imnaqqsa mit-Tribunal, f'dan il-każ l-awtorità kompetenti tista' biex tiġbor l-ammont dovut lilha bħala penali amministrattiva tinnotifika kopja ta' l-avviż jew tad-deċiżjoni tat-Tribunal, skond il-każ, lill-persuna li tkun dovuta tħallas il-penali amministrattiva permezz ta' att ġudizzjarju, u dak l-avviż jew deċiżjoni, skond il-każ, għandhom ma' dan jikkostitwixxu titolu eżekuttiv għall-finijiet u effetti kollha tat-Tiotlu VII tat-Taqsima I tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Kap. 12.

Skwalifika ta' funzjonarji. *Emendat: II. 2010.29.*

**24.** Ebda persuna -

(*a*) li tkun ġiet dikjarata falluta b'sentenza jew li tkun għamlet akkordju mal-kredituri tagħha jew li kienet funzjonarju ta' istituzzjoni finanzjarja li kellha liċenza tagħha revokata taħt l-artikolu 6(3) u li ma tkunx ġiet eżentata bil-miktub mill-awtorità kompetenti mid-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu; jew

(*b*) li tkun interdetta jew inabilitata jew li kienet involuta f'*money laundering* jew li tkun instabet ħatja ta' reat li jolqot il-fiduċja pubblika, serq, qerq, estorsjoni jew talli xjentement tkun irċeviet oġġetti miksuba b'serq jew b'qerq,

ma għandha taġixxi jew tkompli bħala funzjonarju ta' istituzzjoni finanzjarja.

Konfidenzjalità. *Emendat: XVII. 2002.221; II. 2010.30.*

**25.** (1) Ebda ħaġa f'dan l-Att jew f'regolamenti u Regoli maħruġa taħtu ma tawtorizza lill-awtorità kompetenti biex tinvestiga jew iġġiegħel li ssir investigazzjoni f'istituzzjoni finanzjarja fl-affarijiet ta' xi klijent individwali ta' istituzzjoni finanzjarja ħlief -

(*a*) sabiex jiġi assigurat li titħares kull disposizzjoni ta' dan l-Att; jew

(*b*) fejn l-*exposure* tal-klijent tista' tkun ta' theddid għall-integrità tas-sistema finanzjarja tal-pajjiż.

(2) Ebda persuna inklużi funzjonarji jew aġenti ta' l-imgħoddi jew preżenti ta' istituzzjoni finanzjarja ma għandha tikxef xi informazzjoni dwar l-affarijiet ta' istituzzjoni finanzjarja jew ta' klijent ta' l-istituzzjoni finanzjarja li hija tkun kisbet fil-qadi tad-dmirijiet tagħha jew fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħha taħt dan l-Att jew regolamenti u Regoli maħruġa taħtu ħlief -

(*a*) meta tkun awtorizzata biex tagħmel hekk skond xi disposizzjoni ta' dan l-Att;

(*b*) għall-qadi tad-dmirijiet tagħha jew għall-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħha;

(*ċ*) meta tkun meħtieġa b'liġi li tagħmel hekk b'ordni tal-

qorti jew skond xi disposizzjoni ta' xi liġi.

(3) Meta funzjonarju ta' istituzzjoni finanzjarja jkollu għalfejn jaħseb li transazzjoni jew transazzjoni proposta tista' tinvolvi *money laundering*, huwa obbligat jimxi skond ir-regolamenti maħruġa taħt l-Att kontra *Money Laundering* u skond kull linja ta' gwida magħmula mill-awtorità kompetenti. It-tħaris tad-disposizzjonijiet ta' dan is-subartikolu ma għandux jikkostitwixxi ksur ta' konfidenzjalità.

Kap. 373.

(4) Uffiċjali tal-awtorità kompetenti, inklużi uffiċjali passati u preżenti, kif ukoll awdituri jew esperti li jaġixxu għan-nom tal-awtorità kompetenti, ma għandhomx jikxfu informazzjoni miksuba minn istituzzjonijiet finanzjarji waqt il-qadi ta' dmirijiet ta' sorveljanza u oħrajn u li jkunu regolati bl-obbligu tas-segretezza professjonali, kemm-il darba dak il-kxif ta' informazzjoni ma jsirx f'forma sommarja jew kollettiva, sabiex ma tkunx tista' tingħaraf l-identità tal-istituzzjoni finanzjarja li dik l-informazzjoni tkun dwarha:

Iżda dawk l-uffiċjali, awdituri jew esperti jistgħu joħorġu dik l-informazzjoni għall-fini tat-twettiq ta' dmirijiethom jew tal-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħhom, jew meta dawn ikunu leġittimament meħtieġa jagħmlu dan minn xi qorti jew taħt xi dispożizzjoni ta' xi liġi.

(5) Minkejja d-disposizzjonijiet ta' kull liġi oħra, istituzzjoni finanzjarja tista' jekk iċ-ċirkostanzi hekk jitolbu, tikkomunika kull informazzjoni li tkun fil-pussess tagħha u li tirrelata għall-affarijiet ta' klijent, lil membri oħra tal-grupp ta' kumpaniji li minnhom dik l-istituzzjoni finanzjarja tkun tagħmel parti.

(6) Għall-finijiet tas-subartikolu (5), il-frażi "grupp ta' kumpaniji" tinkludi kull korp ġuridiku reġistrat jew li jopera f'Malta jew f'ġurisdizzjoni barranija u li jifforma parti minn grupp ta' kumpanniji u li hu wkoll liċenzjat jew xort'oħra awtorizzat taħt il-liġijiet ta' Malta jew ta' dik il-ġurisdizzjoni biex imexxi xi attività ekwivalenti għal kummerċ bankarju jew għall-ħruġ ta' flus elettroniċi jew xi waħda mill-attivitajiet imsemmija fl-Iskeda li tinsab mal-Att dwar il-Kummerċ Bankarju.

Kap. 371.

(7) L-iskambju ta' informazzjoni dwar klijenti komuni jew konnessi bejn l-istituzzjoni finanzjarja, il-*holding company* tagħha jew is-sussidjarji tagħha meta faċilità ta' kreditu tkun ingħatat jew tista' tingħata lil dak il-klijent ma għandux jikkostitwixxi ksur ta' konfidenzjalità.

*Sostitwit: II. 2010.31.*

## ILMENTI TAL-KONSUMATURI

Investigazzjoni ta' ilmenti mill-*Manager* tal-Ilmenti tal-Konsumaturi. *Sostitwit: II. 2010.32* Kap. 330.

**26.**(1)(*a*) Il-*Manager* tal-Ilmenti tal-Konsumaturi maħtur taħt l-artikolu 20 tal-Att dwar l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta, ikollu l-funzjoni li jinvestiga ilmenti minn utent ta' servizz ta' pagament li joriġinaw minn, jew li jkollhom x'jaqsmu ma' xi kontravvenzjoni allegata minn provditur ta' servizz, tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att li jimplementaw id-Direttiva.

(*b*) Id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 20 tal-Att dwar l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta, għandhom ikunu japplikaw, *mutatis mutandis*, għal ilmenti li jsiru taħt dan l-artikolu. Kap. 330.

(*ċ*) Ilmenti minn utent ta' servizz ta' pagament taħt il-paragrafu (*a*) jistgħu jinkludu lmenti minn partijiet interessati, fil-kuntest tad-Direttiva, kif ukoll ilmenti minn assoċjazzjonijiet tal-konsumaturi.

(2) (*a*) Meta jkun hemm tilwima bejn utent ta' servizz ta' pagament u provditur ta' servizz ta' pagament din tista', fid-diskrezzjoni tal-utent tas-servizz ta' pagament, jew jekk ikun hemm ftehim bejn il-partijiet involuti fit-tilwima, sew permezz ta' ftehim bil-miktub jew xort'oħra, tintbagħat għall-arbitraġġ kif hemm fl-Att dwar l-Arbitraġġ. L-awtorità li taħtar u l-amministratur ikun iċ-Ċentru dwar l-Arbitraġġ ta' Malta, u f'dawn it-tilwimiet ikun arbitru wieħed biss li jiġi maħtur. Kap. 387.

(*b*) Persuni li tinħarġilhom liċenza taħt dan l-Att ikunu marbuta bil-kondizzjoni fil-liċenza tagħhom li tilwima tkun tista' tintbagħat għall-arbitraġġ kif hemm fil-paragrafu (*a*).

(*ċ*) Il-*Manager* tal-Ilmenti tal-Konsumaturi għandu, fir-risposta tiegħu għal ilment, jgħarraf lil min jagħmel l-ilment bil-possibiltà li t-tilwima tkun tista' tintbagħat għal proċeduri ta' arbitraġġ kif provdut f'dan l-artikolu:

Iżda meta tittieħed xi azzjoni mill-*Manager* tal-Ilmenti tal-Konsumaturi, din għandha tkun mingħajr preġudizzju għad-dritt ta' konsumatur, fil-kuntest tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur, li jippreżenta talba quddiem il-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumaturi, mwaqqaf taħt dak l-Att, jew li jeżerċita kull dritt ieħor taħt dak l-Att. Kap. 378.

(3) "Utent ta' servizzi ta' pagament", "provditur ta' servizz ta' pagament" u "transazzjoni ta' pagament" għandu jkollhom it-tifsira mogħtija lilhom kif hemm fit-Tieni Skeda.

## MIXXELLANJI

*Miżjud: II. 2010.33.*

**27.** L-għan ta' dan l-Att hu, f'parti minnu, biex jimplimenta d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fuq is-servizzi ta' pagament fis-suq intern, partikolarment it-Titoli I, II, il-Kapitolu 5 tat-Titolu IV u l-Anness u għandu jkun interpretat u applikat skond hekk. Għan. *Sostitwit: II. 2010.34.*

*Sostitwita:*
*II. 2010.35.*

## L-EWWEL SKEDA

(Artikolu 2)

ATTIVITAJIET TA’ ISTITUZZJONIJIET FINANZJARJI

1. Self (li jinkludi krediti personali, krediti taħt *mortgage*, xiri ta’ fatturi kemm bi jew mingħajr dritt ta’ rikors, finanzjament ta’ transazzjonijiet kummerċjali inkluż *forfaiting*);

2. *Financial leasing*;

3. Kapital ta’ sogru jew riskju;

4. Servizzi ta’ pagament kif imfisser fit-Tieni Skeda;

5. Ħruġ u amministrazzjoni ta’ mezzi ta’ pagament oħra (*travellers cheques*, ċedoli bankarji u strumenti bħal dawk) sakemm din l-attività ma tkunx taqa’ taħt il-punt 4 hawn qabel;

6. Garanziji u rabtiet;

7. Negozju li tagħmel persuna f’isimha jew f’isem il-klijenti:

(*a*) fi strumenti ta’ swieq finanzjarji (ċekkijiet, kambjali, ċertifikati ta’ depożitu u strumenti bħal dawk);

(*b*) kambju ta’ flus;

(*ċ*) *financial futures* u *options*;

(*d*) strumenti ta’ rati ta’ kambju u mgħax;

(*e*) strumenti li jistgħu jiġu trasferiti;

8. Sottoskrizzjoni ta’ ħruġ ta’ ishma u s-sehem f’dak il-ħruġ;

9. Senserija ta’ flus.

---

*Miżjuda:*
*II. 2010.36.*

## IT-TIENI SKEDA

ISTITUZZJONIJIET FINANZJARJI LI JWETTQU SERVIZZI TA’ PAGAMENT

Għan.

L-għan ta’ din l-Iskeda hu li jistabbilixxi il-qafas regolatorju li taħtu jistgħu jitwettqu s-servizzi ta’ pagament fil-kuntest tal-mezzi ta’ ħruġ u amministrazzjoni ta’ pagament kif imsemmi fl-Ewwel Skeda.

Tifsir.

1. F’din l-Iskeda, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort’oħra, għandhom japplikaw dawn it-tifsiriet -

"debitu dirett" tfisser servizz ta’ pagament għad-debitar ta’ kont ta’ pagament ta’ min iħallas, meta transazzjoni ta’ pagament tinbeda minn min jirċievi l-pagament abbażi tal-kunsens ta’ min iħallas mogħti lil min jirċievi l-pagament, jew lill-provditur ta’ servizz ta’ pagament ta’ min jirċievi l-pagament, jew lill-provditur ta’ servizz ta’ pagament ta’ min iħallas innifsu;

"flejjes" tfisser karti tal-flus u muniti, flus li jidhru bil-kitba u flus elettroniċi;

"grupp" tfisser grupp ta' impriżi, li jikkonsistu f'impriża ċentrali, is-sussidjarji tagħha u l-entitajiet li fihom l-impriża ċentrali jew is-sussidjarji tagħha jkollhom sehem, kif ukoll impriżi marbutin ma' xulxin permezz ta' relazzjoni fil-kuntest tal-Artikolu 12(1) tad-Direttiva 83/349/KEE;

"istituzzjoni ta' pagament" tfisser kumpannija li jkollha liċenza konformi ma' dan l-Att jew li jkollha awtorizzazzjoni ekwivalenti f'xi pajjiż ieħor kif hemm fid-Direttiva għall-provdiment u eżekuzzjoni ta' servizzi ta' pagament;

"kont ta' pagament" tfisser kont miżmum f'isem utent ta' servizz ta' pagament wieħed jew aktar u li jintuża għall-eżekuzzjoni ta' transazzjoni ta' pagamenti;

"min iħallas" tfisser sew persuna li jkollha kont ta' pagament u li tkun tippermetti ordni ta' pagament minn dak il-kont ta' pagament, sew, meta ma jkunx hemm kont ta' pagament, persuna li tagħmel ordni għal transazzjoni ta' pagament;

"min jirċievi l-pagament" tfisser persuna li tkun ir-riċevitur intiż ta' flejjes li huma fil-bażi ta' transazzjoni ta' pagament;

"ordni ta' pagament" tfisser kull istruzzjoni li tingħata minn min iħallas jew minn min jirċievi l-pagament lill-provditur ta' servizz ta' pagament tiegħu fejn tintalab l-eżekuzzjoni ta' transazzjoni ta' pagament;

"*outsourcing*" tfisser l-użu li tagħmel entità li jkollha liċenza ta' terza parti (il-provditur tas-servizz ta' *outsourcing*) biex twettaq attivitajiet li normalment isiru mill-entità li jkollha liċenza, fil-preżent jew fil-futur. Il-fornitur jista' jkun jew ma jkunx entità li jkollha liċenza;

"provditur ta' servizz ta' pagament" tfisser impriżi msemmija f'dan l-Att;

"provditur ta' servizz ta' *outsourcing*" tfisser il-fornitur ta' oġġetti, servizzi jew faċilitajiet, li jistgħu jkunu jew ma jkunux entità li jkollha liċenza, u li tista' tkun entità affiljata fi ħdan grupp korporat jew entità li tkun waħda esterna għall-grupp;

"rimessa ta' flus" tfisser servizz ta' pagament fejn jiġu riċevuti flejjes minn min iħallas, mingħajr ma jkun hemm ebda kontijiet ta' pagament f'isem min iħallas jew min jirċievi l-pagament, bil-għan uniku li jsir trasferiment ta' ammont korrispondenti lil min jirċievi l-pagament jew lil xi provditur ta' servizz ta' pagament ieħor li jkun qiegħed jaġixxi f'isem min jirċievi l-pagament, u/jew fejn jiġu riċevuti dawk il-flejjes f'isem min jirċievi l-pagament u jkunu disponibbli għalih;

"servizz ta' pagament" tfisser l-attività kummerċjali msemmija fil-paragrafu 4 ta' l-Ewwel Skeda u tinkludi l-attivitajiet li istituzzjoni ta' pagament tista' tagħmel taħt din l-Iskeda;

"sistema ta' pagament" tfisser sistema ta' trasferiment ta' flejjes b' arranġamenti formali u standardizzati u b'regoli komuni għall-ipproċessar, approvazzjoni u/jew finalizzar ta' transazzjoni ta' pagamenti;

"strument ta' pagament" tfisser kull tagħmir personalizzat u/jew kompilazzjoni ta' proċeduri miftiehma bejn l-utent ta' servizz ta' pagament u l-provditur ta' servizz ta' pagament u li jintuża mill-utent ta' servizz ta' pagament sabiex jagħti bidu għal ordni ta' pagament;

"transazzjoni ta' pagament" tfisser dak l-att, li jinbeda minn min iħallas jew minn min jirċievi l-pagament, li bih jitqegħdu, jiġu trasferiti jew irtirati flejjes, irrispettivament minn kull obbligu sottostanti bejn min iħallas u min jirċievi l-pagament;

"utent ta' servizz ta' pagament" tfisser persuna li tagħmel użu minn servizz ta' pagament fil-kapaċità jew ta' min iħallas jew ta' min jirċievi l-pagament, jew tat-tnejn.

Lista ta' Attivitajiet.

2. Istituzzjoni ta' pagamenti tista' twettaq dawn l-attivitajiet li ġejjin:

(*a*) Servizzi li permezz tagħhom flus kontanti jkunu jistgħu jitqegħdu f'kont ta' pagament kif ukoll l-operazzjonijiet kollha meħtieġa biex jiġi operat kont ta' pagament;

(*b*) Servizzi li permezz tagħhom ikunu jistgħu jiġu rtirati flus kontanti minn kont ta' pagament kif ukoll l-operazzjonijiet kollha meħtieġa biex jiġi operat kont ta' pagament;

(*ċ*) Eżekuzzjoni ta' transazzjoni ta' pagamenti, inkluż it-trasferiment ta' flejjes fuq kont ta' pagament mal-provditur ta' servizz ta' pagament ta' l-utent jew ma' xi provditur ta' servizz ta' pagament ieħor:

(i) eżekuzzjoni ta' debiti diretti, inklużi debiti diretti ta' darba kull tant żmien;

(ii) eżekuzzjoni ta' transazzjoni ta' pagamenti b'karta ta' pagament jew tagħmir bħal dak;

(iii) eżekuzzjoni ta' trasferimenti ta' kreditu, inklużi *standing orders*;

(*d*) Eżekuzzjoni ta' transazzjoni ta' pagamenti meta l-flejjes ikunu koperti b'linja ta' kreditu għal utent ta' servizz ta' pagament:

(i) eżekuzzjoni ta' debiti diretti, inkluż?i debiti diretti ta' darba kull tant żmien;

(ii) eżekuzzjoni ta' transazzjoni ta' pagamenti b'karta ta' pagament jew tagħmir bħal dak;

(iii) eżekuzzjoni ta' trasferimenti ta' kreditu, inklużi *standing orders*;

(*e*) Ħruġ u/jew akkwist ta' strumenti ta' pagament;

(*f*) Rimessa ta' flus;

(*g*) Eżekuzzjoni ta' transazzjoni ta' pagamenti meta l-kunsens ta' min iħallas għal transazzjoni ta' pagament tintbagħat permezz ta' xi telekomunikazzjoni, diġitalment jew b'apparat ta' IT u l-pagament isir lill-operatur tas-sistema ta' telekomunikazzjoni, IT jew lill-operatur tan-*network*, li jaġixxi unikament bħala intermedjarju f'isem l-utent ta' servizz ta' pagament u dak li jipprovdi l-oggetti u s-servizzi;

3. Dawn l-attivitajiet addizzjonali li ġejjin jistgħu ukoll isiru minn istituzzjoni ta' pagament:

(*a*) Il-provdiment ta' servizzi operattivi u dawk anċillari li jkollhom x'jaqsmu ħafna mill-qrib li jkunu jassikuraw l-eżekuzzjoni ta' transazzjoni ta' pagamenti, servizzi ta' kambju ta' munita barranija strettament dwar servizzi ta' pagament, attivitajiet dwar tiżmim taħt sigurtà, u l-ħżin u l-ipproċessar ta' informazzjoni;

(*b*) L-operazzjoni ta' sistema ta' pagamenti;

(*ċ*) Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 5(6) ta' dan l-Att, attivitajiet kummerċjali li ma jkunux jikkonsistu fil-provdiment ta' servizzi ta' pagament;

(*d*) Meta istituzzjonijiet ta' pagamenti jwettqu l-provdiment ta' servizzi ta'

pagament, dawn jistgħu iżommu biss kontijiet ta' pagament li jintużaw esklużivament għal transazzjonijiet; flejjes li jiġu riċevuti minn istituzzjoni ta' pagamenti minn utent ta' servizzi ta' pagament bil-għan li jiġu provduti servizzi ta' pagament ma jikkostitwux depożitu jew flejjes oħra li jitħallsu lura fil-kuntest tal-artikolu 2 tal-Att dwar il-Kummerċ Bankarju, jew flus elettroniċi fil-kuntest tal-artikolu 2 tal-Att dwar il-Kummerċ Bankarju;

(*e*) Istituzzjonijiet ta' pagament jistgħu jikkonċedu kreditu għar-rigward tas-servizzi ta' pagament imsemmija fil-paragrafu (2)(*d*), (*e*) jew (*g*) ta) ta' din l-Iskeda biss jekk ikun hemm dawn ir-rekwiżiti li ġejjin:

(i) il-kreditu jkun wieħed anċillari u jingħata esklużivament f'dak li għandu x'jaqsam mal-eżekuzzjoni ta' transazzjoni; u

(ii) minkejja regoli nazzjonali fuq il-provdiment ta' kreditu permezz tal-karti ta' kreditu, il-kreditu li jingħata f'dak li għandu x'jaqsam ma' pagament u eżegwit mal-att għandu jitħallas lura fi żmien qasir li m'għandu f'ebda każ ikun ta' iżjed minn tnax-il xahar; u

(iii) dak il-kreditu ma jingħatax mill-flejjes li jiġu riċevuti jew li jinżammu bil-għan li tiġi eżegwita transazzjoni ta' pagament; u

(iv) il-fondi tagħha stess tal-istituzzjoni ta' pagament ikunu adatti f'kull waqt, għas-sodisfazzjon tal-awtorità ta' sorveljanza, waqt li jitqies l-ammont globali ta' kreditu konċess.